# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 168

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 64

12 ta' Mejju 2021

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/763 tat-23 ta' April 2021 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar superviżorju u d-divulgazzjoni pubblika tar-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli** ([1]) .......................... 1

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/763 tat-23 ta' April 2021 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar superviżorju u d-divulgazzjoni pubblika tar-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 [1], u b'mod partikolari l-ħames subparagrafu tal-Artikolu 430(7) u l-ħames subparagrafu tal-Artikolu 434a tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 45i(5) u (6) tagħha,

Billi:

(1) Il-livell minimu armonizzat tad-Dokument dwar il-Kundizzjonijiet tal-Kapaċità Totali ta' Assorbiment tat-Telf (TLAC) ("standard tat-TLAC") għal istituzzjonijiet globali sistemikament importanti (G-SIIs) ("ir-rekwiżit tat-TLAC") ġie introdott fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni bir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013. Is-supplimentazzjoni speċifika għall-istituzzjoni għal G-SIIs u r-rekwiżit speċifiku għall-istituzzjoni għal dawk li mhumiex G-SIIs, li ssir referenza għalihom bħala r-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL), ġew stabbiliti permezz ta' emendi mmirati għad-Direttiva 2014/59/UE introdotti mid-Direttiva (UE) 2019/879 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4]. Ir-rekwiżiti ta' rapportar u ta' divulgazzjoni kemm għall-istandard tat-TLAC kif ukoll għall-MREL issa huma inklużi fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva 2014/59/UE, rispettivament.

(2) Billi l-istandard tat-TLAC u l-MREL għandhom l-istess objettiv li jiżguraw li l-istituzzjonijiet u l-entitajiet stabbiliti fl-Unjoni jkollhom kapaċità suffiċjenti ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni, jenħtieġ li ż-żewġ rekwiżiti jkunu elementi komplementari ta' qafas komuni. Huwa għalhekk xieraq li jiġi stabbilit sett ta' mudelli għar-rapportar u d-divulgazzjoni pubblika ta' informazzjoni armonizzata dwar ir-rekwiżit għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli għall-G-SIIs u s-sussidjarji materjali ta' G-SIIs mhux tal-UE (TLAC) u l-MREL speċifiku għall-istituzzjoni applikabbli għall-istituzzjonijiet kollha.

---

[1] ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.
[2] ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190.
[3] Ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 1).
[4] Id-Direttiva (UE) 2019/879 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet tal-kreditu u ditti tal-investiment u d-Direttiva 98/26/KE (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 296).

(3) Skont l-Artikolu 434a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li għandu jiġi żviluppat mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) sabiex jiġu stabbiliti formati ta' divulgazzjoni uniformi jrid ifittex li jżomm il-konsistenza tal-formati ta' divulgazzjoni mal-istandards internazzjonali dwar id-divulgazzjonijiet sabiex jiffaċilita l-komparabbiltà tal-informazzjoni. F'Diċembru 2018, il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS) ippubblika r-rekwiżiti tad-divulgazzjoni aġġornati tal-Pilastru 3, inklużi r-rekwiżiti dwar id-divulgazzjonijiet tat-TLAC. Għalhekk, jenħtieġ li l-formati tad-divulgazzjoni u l-istruzzjonijiet assoċjati stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu konsistenti ma' dawk ir-rekwiżiti tad-divulgazzjoni aġġornati tal-BCBS.

(4) Sabiex jiġi żgurat li l-kostijiet ta' konformità għall-istituzzjonijiet ma jiġux miżjuda b'mod mhux raġonevoli u li tinżamm il-kwalità tad-*data*, l-obbligi ta' rapportar u ta' divulgazzjoni jenħtieġ li jiġu allinjati fis-sustanza tagħhom sal-massimu possibbli ma' xulxin, inkluż f'termini tal-frekwenza tagħhom. Barra minn hekk, allinjament tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar l-obbligi ta' rapportar u ta' divulgazzjoni għat-TLAC u l-MREL huwa espliċitament meħtieġ mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 45i(5) u mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 45i(6) tad-Direttiva 2014/59/UE. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti, f'Regolament wieħed, standards applikabbli kemm għar-rapportar kif ukoll għad-divulgazzjoni tat-TLAC u tal-MREL. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-granularità u l-frekwenza kemm tar-rapportar kif ukoll tad-divulgazzjonijiet jiġu aġġustati kif xieraq, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva 2014/59/UE, rispettivament, u l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti f'kull ħin.

(5) Id-Direttiva 2014/59/UE tesiġi li l-informazzjoni dwar l-MREL tiġi rrapportata kemm lill-awtoritajiet kompetenti kif ukoll lil dawk ta' riżoluzzjoni. Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jesiġi li l-informazzjoni dwar it-TLAC tiġi rrapportata lill-awtoritajiet kompetenti biss. Madankollu, skont l-Artikolu 45d(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, l-MREL ta' entità ta' riżoluzzjoni li hija G-SII jew parti minn G-SII jikkonsisti fir-rekwiżit tat-TLAC u kwalunkwe supplimentazzjoni addizzjonali. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi żgurat li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jiksbu informazzjoni dwar it-TLAC mingħand il-G-SIIs bħala parti mir-rapportar tal-MREL tagħhom. Jenħtieġ li dan ikun mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti konklużi mill-awtoritajiet kompetenti u mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni biex jimminimizzaw il-flussi tad-*data*.

(6) L-Artikolu 45i(5) tad-Direttiva 2014/59/UE jesiġi li l-EBA tiżviluppa l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika mod standardizzat ta' kif tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna applikabbli fi proċedimenti ta' insolvenza nazzjonali f'kull Stat Membru, għal raġunijiet ta' komparabbiltà u ċertezza legali. Informazzjoni standardizzata dwar il-ġerarkiji tal-insolvenza f'kull Stat Membru, u aġġornamenti f'waqthom tagħha, jenħtieġ li għalhekk ikunu disponibbli mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rispettivi għall-istituzzjonijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom. Jenħtieġ li dik l-informazzjoni ssegwi preżentazzjoni standardizzata ta' ġerarkiji ta' insolvenza.

(7) Fir-rigward tal-obbligazzjonijiet ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna li huma rregolati mil-liġijiet ta' pajjiż terz, l-Artikolu 45i(5) tad-Direttiva 2014/59/UE jesiġi wkoll li l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li se tiżviluppa l-EBA jispeċifika mod standardizzat ta' kif tiġi pprovduta informazzjoni li tindika pajjiżi terzi li l-liġijiet tagħhom jirregolaw tali obbligazzjonijiet u, għal kull pajjiż terz identifikat, jekk tali obbligazzjonijiet fihomx it-terminu kuntrattwali li jirrikonoxxi li jistgħu jkunu soġġetti skont dik id-Direttiva għal setgħat ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni. Minħabba l-ħtieġa li jiġi vvalutat aktar il-livell ta' granularità għar-rapportar ta' dawn l-elementi, l-istruzzjonijiet u l-mudelli relatati se jiġu żviluppati u ppreżentati mill-EBA lill-Kummissjoni separatament fi żmien xieraq sabiex kemm l-awtoritajiet kompetenti kif ukoll dawk ta' riżoluzzjoni jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni fuq bażi regolari. In-nuqqas ta' dawn l-elementi addizzjonali limitati la se jaffettwa u lanqas idewwem l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar previsti f'dan ir-Regolament.

(8) L-entitajiet li jiddivulgaw jenħtieġ li jqisu l-Linji Gwida rilevanti maħruġa mill-EBA meta jivvalutaw jekk l-informazzjoni hijiex materjali, proprjetarja jew kunfidenzjali f'konformità mal-Artikolu 432 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(9) L-obbligu li tiġi rrapportata u divulgata l-informazzjoni dwar it-TLAC, kif stipulat fil-punt (b) tal-Artikolu 430(1), fl-Artikolu 437a u fil-punt (h) tal-Artikolu 447 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ilu japplika mis-27 ta' Ġunju 2019, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2019/876. Konsegwentement, ladarba dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ, jenħtieġ li l-G-SIIs u s-sussidjarji materjali ta' G-SIIs mhux tal-UE jiddivulgaw minnufih informazzjoni dwar it-TLAC billi jużaw il-mudelli u jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament. B'kuntrast ma' dan, jenħtieġ li r-rapportar dwar ir-rekwiżit tat-TLAC f'konformità ma' dan ir-Regolament jibda japplika biss mit-28 ta' Ġunju 2021, sabiex l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti jingħataw biżżejjed żmien biex jimplimentaw ir-rekwiżiti rilevanti.

(10) B'rabta mal-MREL, l-obbligi ta' rapportar stabbiliti fid-Direttiva 2014/59/UE għandhom japplikaw sa mhux aktar tard mit-28 ta' Diċembru 2020. Madankollu, għall-istess raġunijiet bħal dawk għat-TLAC, l-istituzzjonijiet kollha jenħtieġ li jirrapportaw l-informazzjoni dwar l-MREL bl-użu tal-mudelli u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament mit-28 ta' Ġunju 2021. B'kuntrast ma' dan, jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni tal-obbligi ta' divulgazzjoni ta' MREL tikkoinċidi mat-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 45 m(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, jiġifieri mhux aktar kmieni mill-1 ta' Jannar 2024.

(11) Minħabba l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jadattaw is-sistemi ta' rapportar u dawk elettroniċi tagħhom għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, id-data ta' rimessa tar-rapportar trimestrali għad-*data* relatata mad-data ta' referenza tat-30 ta' Ġunju 2021 għandha tkun mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2021.

(12) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sottomess lill-Kummissjoni mill-EBA.

(13) L-EBA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implementazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

## RAPPORTAR SUPERVIŻORJU

*Artikolu 1*

### Dati ta' referenza tar-rapportar

L-entitajiet soġġetti għal rekwiżiti ta' rapportar għall-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) u r-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) fuq bażi individwali jew konsolidata (entitajiet li jirrapportaw) għandhom jissottomettu l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni kif tkun fid-dati ta' referenza tar-rapportar li ġejjin:

(a) għar-rapportar trimestrali: il-31 ta' Marzu, it-30 ta' Ġunju, it-30 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru;

(b) għar-rapportar ta' kull sitt xhur: it-30 ta' Ġunju u l-31 ta' Diċembru;

(c) għar-rapportar annwali: il-31 ta' Diċembru.

*Artikolu 2*

### Dati ta' rimessa

1. L-entitajiet li jirrapportaw għandhom jissottomettu l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni sa tmiem il-ġurnata tax-xogħol tad-dati ta' rimessa li ġejjin:

(a) għar-rapportar trimestrali: id-19 ta' Mejju, it-18 ta' Awwissu, it-18 ta' Novembru u t-18 ta' Frar, bl-eċċezzjoni tad-*data* relatata mad-data ta' referenza tat-30 ta' Ġunju 2021, li għaliha d-data ta' rimessa għandha tkun mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2021;

(b) għar-rapportar ta' kull sitt xhur: it-18 ta' Awwissu u t-18 ta' Frar;

(c) għar-rapportar annwali: it-18 ta' Frar.

---

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Meta l-ġurnata tar-rimessa tkun btala pubblika fl-Istat Membru tal-awtorità kompetenti jew tal-awtorità ta' riżoluzzjoni li lilha għandha tiġi sottomessa l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jew inkella nhar ta' Sibt jew Ħadd, dik l-informazzjoni għandha tiġi sottomessa sa tmiem il-ġurnata tax-xogħol tal-ġurnata tax-xogħol ta' wara.

3. L-entitajiet li jirrapportaw jistgħu jissottomettu ċifri li ma jkunux irċevew opinjoni ta' awditur estern (ċifri mhux awditjati). Meta ċ-ċifri awditjati minn awditur estern li jesprimi opinjoni ta' awditjar (ċifri awditjati) jiddevjaw miċ-ċifri mhux awditjati sottomessi, l-entitajiet li jirrapportaw għandhom jissottomettu ċ-ċifri awditjati riveduti mingħajr dewmien żejjed.

4. L-entitajiet li jirrapportaw għandhom jissottomettu kwalunkwe korrezzjoni oħra lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni mingħajr dewmien żejjed.

*Artikolu 3*

**Il-format u l-frekwenza tar-rapportar mill-entitajiet ta' riżoluzzjoni fuq bażi individwali**

1. L-entitajiet ta' riżoluzzjoni mingħajr sussidjarji soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE f'konformità mal-Artikolu 45e ta' dik id-Direttiva għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni informazzjoni fuq bażi individwali kif ġej:

(a) l-informazzjoni dwar metriċi ewlenin kif speċifikat fil-kolonni 0010 tal-mudell 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha tiġi rrapportata bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 1 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(b) l-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli kif speċifikat fil-kolonna 0010 tal-mudell 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha tiġi rrapportata bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 2.1 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(c) l-informazzjoni dwar l-istruttura ta' finanzjament tal-obbligazzjonijiet eliġibbli kif speċifikat fil-mudell 4 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha tiġi rrapportata bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 2.3 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(d) l-informazzjoni dwar l-istrumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, kif speċifikat fil-mudell 7 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, għandha tiġi rrapportata bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 4 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

2. L-entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni informazzjoni dwar id-diżaggregazzjoni tal-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet skont il-grad ta' insolvenza kif speċifikat fil-mudell 6 tal-Anness I fuq bażi individwali bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 3.2 tal-Parti II tal-Anness II.

3. Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-entitajiet ta' riżoluzzjoni soġġetti għar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi individwali f'konformità mal-Artikolu 6(1a) ta' dak ir-Regolament għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni fuq bażi individwali kif ġej:

(a) l-informazzjoni dwar metriċi ewlenin kif speċifikat fil-kolonni 0020 tal-mudell 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha tiġi rrapportata bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 1 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(b) l-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli kif speċifikat fil-kolonni 0020 u 0030 tal-mudell 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha tiġi rrapportata bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 2.1 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Il-format u l-frekwenza tar-rapportar mill-entitajiet ta' riżoluzzjoni fuq bażi konsolidata**

1. L-entitajiet ta' riżoluzzjoni soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE fuq bażi konsolidata f'konformità mal-Artikolu 45e ta' dik id-Direttiva għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni informazzjoni fuq bażi konsolidata kif ġej:

(a) l-informazzjoni dwar metriċi ewlenin kif speċifikat fil-kolonni 0010 tal-mudell 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha tiġi rrapportata bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 1 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(b) l-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli kif speċifikat fil-kolonna 0010 tal-mudell 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha tiġi rrapportata bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 2.1 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(c) l-informazzjoni dwar l-istruttura ta' finanzjament tal-obbligazzjonijiet eliġibbli kif speċifikat fil-mudell 4 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha tiġi rrapportata bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 2.3 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(d) l-informazzjoni dwar l-istrumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz kif speċifikat fil-mudell 7 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha tiġi rrapportata bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 4 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

2. Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-entitajiet ta' riżoluzzjoni soġġetti għar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi konsolidata f'konformità mal-Artikolu 11(3a) ta' dak ir-Regolament għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni informazzjoni fuq bażi konsolidata kif ġej:

(a) l-informazzjoni dwar metriċi ewlenin kif speċifikat fil-kolonni 0020 tal-mudell 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha tiġi rrapportata bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 1 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(b) l-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli kif speċifikat fil-kolonni 0020 u 0030 tal-mudell 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha tiġi rrapportata bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 2.1 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

**Il-format u l-frekwenza tar-rapportar fuq bażi individwali minn entitajiet li huma stess mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni u minn sussidjarji materjali ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti mhux tal-UE**

1. L-entitajiet li huma stess mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni u li huma soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE fuq bażi individwali f'konformità mal-Artikolu 45f ta' dik id-Direttiva għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni informazzjoni fuq bażi individwali kif ġej:

(a) l-informazzjoni dwar l-ammont u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji u tal-obbligazzjonijiet eliġibbli kif speċifikat fil-kolonna 0010 tal-mudell 3 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha tiġi rrapportata bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 2.2 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(b) l-informazzjoni dwar l-istruttura ta' finanzjament tal-obbligazzjonijiet eliġibbli kif speċifikat fil-mudell 4 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha tiġi rrapportata bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 2.3 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(c) l-informazzjoni dwar l-istrumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, kif speċifikat fil-mudell 7 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, għandha tiġi rrapportata bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 4 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

2. L-entitajiet li huma stess mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni informazzjoni dwar id-diżaggregazzjoni tal-fondi u l-obbligazzjonijiet proprji skont il-grad ta' insolvenza kif speċifikat fil-mudell 5 tal-Anness I fuq bażi individwali bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 3.1 tal-Parti II tal-Anness II.

3. Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-entitajiet li huma sussidjarji materjali ta' istituzzjonijiet globali sistematikament importanti (G-SIIs) mhux tal-UE u huma soġġetti għar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi individwali f'konformità mal-Artikolu 6(1a) ta' dak ir-Regolament għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni informazzjoni dwar l-ammont u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji u tal-obbligazzjonijiet eliġibbli kif speċifikat fil-kolonna 0020 tal-mudell 3 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament fuq bażi individwali bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 2.2 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 6*

**Il-format u l-frekwenza tar-rapportar fuq bażi konsolidata minn entitajiet li huma stess mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni u minn sussidjarji materjali ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti mhux tal-UE**

1. L-entitajiet li huma stess mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni u li huma soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE fuq bażi konsolidata f'konformità mal-Artikolu 45f ta' dik id-Direttiva għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni informazzjoni fuq bażi konsolidata kif ġej:

(a) l-informazzjoni dwar l-ammont u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli kif speċifikat fil-kolonna 0010 tal-mudell 3 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha tiġi rrapportata f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 2.2 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament bi frekwenza trimestrali;

(b) l-informazzjoni dwar l-istruttura ta' finanzjament tal-obbligazzjonijiet eliġibbli kif speċifikat fil-mudell 4 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha tiġi rrapportata bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 2.3 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(c) l-informazzjoni dwar l-istrumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, kif speċifikat fil-mudell 7 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, għandha tiġi rrapportata bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 4 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

2. Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-entitajiet li huma sussidjarji materjali ta' G-SIIs mhux tal-UE u huma soġġetti għar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi konsolidata f'konformità mal-Artikolu 11(3a) ta' dak ir-Regolament għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni informazzjoni dwar l-ammont u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji u tal-obbligazzjonijiet eliġibbli kif speċifikat fil-kolonna 0020 tal-mudell 3 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament fuq bażi konsolidata bi frekwenza trimestrali f'konformità mal-istruzzjonijiet fil-punt 2.2 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 7*

**Il-formati tal-iskambju tad-data u l-informazzjoni assoċjata mas-sottomissjonijiet**

1. L-entitajiet li jirrapportaw għandhom jissottomettu l-informazzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament fil-formati u r-rappreżentazzjonijiet tal-iskambju tad-*data* speċifikati mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tagħhom, u f'konformità mad-definizzjonijiet tal-punti ta' *data* inklużi fil-formola tal-punti ta' *data* u r-regoli ta' validazzjoni stipulati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

2. Meta jissottomettu l-informazzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament, l-entitajiet li jirrapportaw għandhom josservaw dan li ġej:

(a) l-informazzjoni li mhijiex meħtieġa jew li mhijiex applikabbli ma għandhiex tiġi inkluża f'sottomissjoni ta' *data*;

(b) il-valuri numeriċi għandhom jiġu sottomessi kif ġej:

(i) il-punti ta' *data* tat-tip ta' *data* "Ammont monetarju" għandhom jiġu rrapportati bl-użu ta' preċiżjoni minima ekwivalenti għal eluf ta' unitajiet;

(ii) il-punti ta' *data* tat-tip ta' *data* "Persentaġġ" għandhom jiġu espressi bħala unità bi preċiżjoni minima ekwivalenti għal erba' pożizzjonijiet deċimali;

(iii) il-punti ta' *data* tat-tip ta' *data* "Integer (numru sħiħ)" għandhom jiġu rrapportati bla pożizzjonijiet deċimali u bi preċiżjoni ekwivalenti għal unitajiet;

(c) l-istituzzjonijiet għandhom jiġu identifikati biss permezz tal-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) tagħhom. L-entitajiet ġuridiċi u l-kontropartijiet għajr l-istituzzjonijiet għandhom jiġu identifikati permezz tal-LEI tagħhom, fejn ikun disponibbli.

3. L-informazzjoni sottomessa mill-entitajiet li jirrapportaw f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tkun akkumpanjata mill-informazzjoni li ġejja:

(a) id-data ta' referenza tar-rapportar u l-perjodu ta' referenza;

(b) il-munita tar-rapportar;

(c) l-istandard tal-kontabilità;

(d) il-LEI tal-istituzzjoni li tirrapporta;

(e) l-ambitu tal-konsolidazzjoni.

*Artikolu 8*

**Preżentazzjoni standardizzata tal-klassifikazzjonijiet tal-insolvenza**

1. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkompilaw l-informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-entrati fil-proċedimenti ta' insolvenza nazzjonali tagħhom fil-format standardizzat speċifikat fl-Anness IV. Huma għandhom jaġġornaw dik l-informazzjoni meta jseħħu bidliet mingħajr dewmien żejjed.

2. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jippubblikaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 sabiex jagħmluha disponibbli għall-istituzzjonijiet soġġetti għas-superviżjoni tagħhom.

TITOLU II

**DIVULGAZZJONI PUBBLIKA MILL-ISTITUZZJONIJIET**

*Artikolu 9*

**Il-frekwenza tad-divulgazzjoni u d-dati tad-divulgazzjoni**

1. Id-divulgazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10(1) għandhom isiru fuq bażi trimestrali. Id-divulgazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10(2) għandhom isiru fuq bażi ta' kull sitt xhur.

2. Id-divulgazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 11(1) u 14(1) għandhom isiru fuq bażi ta' kull sitt xhur. Id-divulgazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 11(2) u 14(2) għandhom isiru fuq bażi annwali.

3. Id-divulgazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 12(1) għandhom isiru fuq bażi trimestrali. Id-divulgazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 12(2) għandhom isiru fuq bażi ta' kull sitt xhur.

4. Id-divulgazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 13(1) għandhom isiru fuq bażi ta' kull sitt xhur. Id-divulgazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 13(2) għandhom isiru kull sena.

5. Id-divulgazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15 għandhom isiru kif ġej:

(a) fuq bażi ta' kull sitt xhur meta l-entità li tiddivulga tkun istituzzjoni kbira;

(b) fuq bażi annwali meta l-entità li tiddivulga la tkun istituzzjoni kbira u lanqas istituzzjoni żgħira u mhux kumplessa.

6. Għall-finijiet ta' divulgazzjoni pubblika, l-entitajiet li jiddivulgaw għandhom josservaw dan li ġej:

(a) id-divulgazzjonijiet annwali għandhom jiġu ppubblikati fl-istess data bħad-data li fiha l-istituzzjonijiet jippubblikaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħhom jew mill-aktar fis possibbli wara dik id-data;

(b) id-divulgazzjonijiet fuq bażi ta' kull sitt xhur u trimestrali għandhom jiġu ppubblikati fl-istess data bħad-data li fiha l-istituzzjonijiet jippubblikaw ir-rapporti finanzjarji tagħhom għall-perjodu korrispondenti, fejn applikabbli, jew mill-aktar fis possibbli wara dik id-data;

(c) kwalunkwe dewmien bejn id-data tal-pubblikazzjoni tad-divulgazzjonijiet meħtieġa skont dan it-Titolu u r-rapporti finanzjarji rilevanti għandu jkun raġonevoli u, fi kwalunkwe każ, ma għandu jaqbeż l-ebda perjodu ta' żmien stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 106 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

*Artikolu 10*

**Divulgazzjoni tal-metriċi ewlenin dwar il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli u r-rekwiżiti għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli mill-entitajiet ta' riżoluzzjoni**

1. L-entitajiet identifikati bħala entitajiet ta' riżoluzzjoni li huma G-SII jew parti minn G-SII għandhom jagħmlu d-divulgazzjonijiet meħtieġa fil-punt (h) tal-Artikolu 447 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE f'konformità mal-mudell EU KM2 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament u l-istruzzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

2. L-entitajiet identifikati bħala entitajiet ta' riżoluzzjoni li la huma G-SIIs u lanqas parti minn G-SII għandhom jagħmlu d-divulgazzjonijiet meħtieġa fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE f'konformità mal-mudell EU KM2 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament u l-istruzzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 11*

**Divulgazzjoni tal-kompożizzjoni tal-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli mill-entitajiet ta' riżoluzzjoni**

1. L-entitajiet identifikati bħala entitajiet ta' riżoluzzjoni li huma G-SII jew parti minn G-SII għandhom jagħmlu d-divulgazzjonijiet meħtieġa f'konformità mal-punti (a), (c) u (d) tal-Artikolu 437a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-divulgazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli meħtieġa fil-punt (b) tal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE f'konformità mal-mudell EU TLAC1 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament u l-istruzzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

2. L-entitajiet identifikati bħala entitajiet ta' riżoluzzjoni li la huma G-SIIs u lanqas parti minn G-SII għandhom jagħmlu d-divulgazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli meħtieġa f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE f'konformità mal-mudell EU TLAC1 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament u l-istruzzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 12*

**Divulgazzjoni tal-metriċi ewlenin u tal-kapaċità interna ta' assorbiment tat-telf mill-entitajiet li huma stess mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni**

1. L-entitajiet li huma sussidjarji materjali ta' G-SIIs mhux tal-UE u li huma stess mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jagħmlu d-divulgazzjonijiet li ġejjin f'konformità mal-mudell EU ILAC tal-Anness V ta' dan ir-Regolament u l-istruzzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament:

(a) divulgazzjonijiet meħtieġa f'konformità mal-punti (a), (c) u (d) tal-Artikolu 437a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) divulgazzjonijiet meħtieġa f'konformità mal-punt (h) tal-Artikolu 447 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) divulgazzjonijiet meħtieġa f'konformità mal-punti (a) u (c) tal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE;

(d) divulgazzjonijiet rigward il-kompożizzjoni tal-fondi proprji u tal-obbligazzjonijiet eliġibbli meħtieġa f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE.

([6]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

2. L-entitajiet għajr is-sussidjarji materjali ta' G-SIIs mhux tal-UE li huma stess mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jagħmlu d-divulgazzjonijiet li ġejjin f'konformità mal-mudell EU ILAC tal-Anness V ta' dan ir-Regolament u l-istruzzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament:

(a) divulgazzjonijiet meħtieġa f'konformità mal-punti (a) u (c) tal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE;

(b) divulgazzjonijiet rigward il-kompożizzjoni tal-fondi proprji u tal-obbligazzjonijiet eliġibbli meħtieġa f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE.

*Artikolu 13*

**Divulgazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-kredituri minn entitajiet mhux ta' riżoluzzjoni**

1. L-entitajiet li huma sussidjarji materjali ta' G-SIIs mhux tal-UE u li huma stess mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jagħmlu d-divulgazzjonijiet dwar il-profil tal-maturità u l-klassifikazzjoni fil-proċedimenti ta' insolvenza normali stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 437a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fil-punt (b) tal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE, f'konformità mal-mudell EU TLAC2a tal-Anness V ta' dan ir-Regolament u l-istruzzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

2. L-entitajiet għajr is-sussidjarji materjali ta' G-SIIs mhux tal-UE li huma stess mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jagħmlu d-divulgazzjonijiet dwar il-profil tal-maturità u l-klassifikazzjoni fil-proċedimenti normali ta' insolvenza stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE f'konformità mal-mudell EU TLAC2b tal-Anness V ta' dan ir-Regolament u l-istruzzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

L-entitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jistgħu jagħżlu li jużaw il-mudell EU TLAC2a minflok EU TLAC2b biex jiddivulgaw informazzjoni dwar il-profil tal-maturità u l-klassifikazzjoni fil-proċedimenti normali ta' insolvenza meħtieġa f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE.

*L-Artikolu 14*

**Divulgazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-kredituri mill-entitajiet ta' riżoluzzjoni**

1. L-entitajiet identifikati bħala entitajiet ta' riżoluzzjoni li huma G-SIIs jew parti minn G-SII għandhom jagħmlu d-divulgazzjonijiet dwar il-profil tal-maturità u l-klassifikazzjoni fil-proċedimenti normali ta' insolvenza stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 437a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-punt (b) tal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE, f'konformità mal-mudell EU TLAC3a tal-Anness V ta' dan ir-Regolament u l-istruzzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

2. L-entitajiet identifikati bħala entitajiet ta' riżoluzzjoni li la huma G-SIIs u lanqas parti minn G-SII għandhom jagħmlu d-divulgazzjonijiet dwar il-profil tal-maturità u l-klassifikazzjoni fil-proċedimenti normali ta' insolvenza stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE, f'konformità mal-mudell EU TLAC3b tal-Anness V ta' dan ir-Regolament u l-istruzzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

L-entitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jistgħu jagħżlu li jużaw il-mudell EU TLAC3a minflok EU TLAC3b biex jiddivulgaw informazzjoni dwar il-profil tal-maturità u l-klassifikazzjoni fil-proċedimenti normali ta' insolvenza meħtieġa f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE.

*Artikolu 15*

**Divulgazzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-fondi proprji u l-istrumenti eliġibbli**

L-entitajiet identifikati bħala entitajiet ta' riżoluzzjoni li huma G-SIIs jew parti minn G-SII u entitajiet li huma sussidjarji materjali ta' G-SIIs mhux tal-UE u li mhumiex huma stess entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jagħmlu d-divulgazzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 437a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, f'konformità mal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 434a ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 16*

**Regoli ġenerali dwar id-divulgazzjoni**

1. Meta l-entitajiet li jiddivulgaw jistgħu jħallu barra waħda jew aktar mid-divulgazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 432 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ir-ringieli jew il-kolonni rilevanti tal-mudelli jew tat-tabelli stipulati f'dan ir-Regolament jistgħu jitħallew vojta u n-numerazzjoni tar-ringieli jew tal-kolonni sussegwenti ma għandhiex tinbidel.

2. L-entitajiet li jiddivulgaw għandhom jinnotaw b'mod ċar fil-mudell jew fit-tabella rilevanti r-ringieli jew il-kolonni vojta u r-raġuni għall-omissjoni tad-divulgazzjoni rilevanti.

3. In-narrattiva kwalitattiva u kwalunkwe informazzjoni supplimentari meħtieġa oħra li takkumpanja d-divulgazzjonijiet kwantitattivi f'konformità mal-Artikolu 431 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom ikunu adegwatament ċari u komprensivi, u jippermettu lill-utenti tal-informazzjoni jifhmu d-divulgazzjonijiet kwantitattivi u għandhom jitqiegħdu ħdejn il-mudelli li huma jiddeskrivu.

4. L-entitajiet li jiddivulgaw għandhom josservaw dan li ġej fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-valuri numeriċi:

(a) id-*data* monetarja kwantitattiva għandha tiġi divulgata bl-użu ta' preċiżjoni minima ekwivalenti għal miljuni ta' unitajiet.

(b) id-*data* kwantitattiva divulgata bħala "Persentaġġ" għandha tiġi espressa bħala għal kull unità bi preċiżjoni minima ekwivalenti għal erba' pożizzjonijiet deċimali.

5. L-entitajiet li jiddivulgaw għandhom jakkumpanjaw l-informazzjoni divulgata b'dawn li ġejjin:

(a) id-data ta' referenza tad-divulgazzjoni u l-perjodu ta' referenza;

(b) il-munita tad-divulgazzjoni;

(c) l-isem u, fejn rilevanti, l-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) tal-entità li tiddivulga;

(d) fejn rilevanti, l-istandard tal-kontabilità; u

(e) fejn rilevanti, il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni.

TITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 17*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

It-Titolu I għandu japplika mit-28 ta' Ġunju 2021.

It-Titolu II għandu japplika mill-1 ta' Ġunju 2021 fir-rigward tad-divulgazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 437a u mal-punt (h) tal-Artikolu 447 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u mid-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti tad-divulgazzjoni f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2019/879, fir-rigward tad-divulgazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2021.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

## RAPPORTAR DWAR IR-REKWIŻIT MINIMU GĦALL-FONDI PROPRJI U L-OBBLIGAZZJONIJIET ELIĠIBBLI

| MUDELLI TA’ MREL U TLAC | | | |
|---|---|---|---|
| **Numru tal-mudell** | **Kodiċi tal-mudell** | **Isem tal-mudell/grupp ta’ mudelli** | **L-isem fil-qosor** |
| | | **AMMONTI: METRIĊI EWLENIN TA’ MREL U TLAC** | |
| 1 | M 01.00 | Metriċi ewlenin għal MREL u TLAC (gruppi / entitajiet ta’ riżoluzzjoni) | KM2 |
| | | **IL-KOMPOŻIZZJONI U L-MATURITÀ** | |
| 2 | M 02.00 | Il-kapaċità u l-kompożizzjoni ta’ MREL u TLAC (gruppi / entitajiet ta’ riżoluzzjoni) | TLAC1 |
| 3 | M 03.00 | MREL intern u TLAC interna | ILAC |
| 4 | M 04.00 | Struttura ta’ finanzjament tal-obbligazzjonijiet eliġibbli | LIAB-MREL |
| | | **KLASSIFIKAZZJONI TAL-KREDITURI** | |
| 5 | M 05.00 | Klassifikazzjoni tal-kredituri (entità li mhijiex entità ta’ riżoluzzjoni) | TLAC2 |
| 6 | M 06.00 | Klassifikazzjoni tal-kredituri (entitajiet ta’ riżoluzzjoni) | TLAC3 |
| | | **INFORMAZZJONI SPEĊIFIKA GĦALL-KUNTRATT** | |
| 7 | M 07.00 | Strumenti regolati mil-liġi ta’ pajjiż terz | MTCI |

**M 01.00 - Metriċi ewlenin għal MREL u TLAC (gruppi / entitajiet ta' riżoluzzjoni) (KM2)**

| | | Rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) | Rekwiżit għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għall-G-SIIs (TLAC) |
|---|---|---|---|
| | | 0010 | 0020 |
| | **L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju u l-kejl tal-iskopertura totali** | | |
| 0100 | **AMMONT TOTALI TAL-ISKOPERTURA GĦAR-RISKJU (TREA)** | | |
| 0110 | **KEJL TAL-ISKOPERTURA TOTALI (TEM)** | | |
| | **Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli** | | |
| 0200 | **FONDI PROPRJI U OBBLIGAZZJONIJIET ELIĠIBBLI** | | |
| 0210 | Li minnhom: fondi proprji u obbligazzjonijiet subordinati | | |
| 0220 | Li minnhom huma regolati mil-liġi ta' pajjiż terz | | |
| 0230 | Li minnhom fihom klawżola ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE | | |
| | **Obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna** | | |
| 0250 | **OBBLIGAZZJONIJIET OĦRAJN TA' KAPAĊITÀ TA' RIKAPITALIZZAZZJONI INTERNA** | | |
| 0260 | Li minnhom huma regolati mil-liġi ta' pajjiż terz | | |
| 0270 | Li minnhom fihom klawżola ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE | | |
| 0280 | Maturità residwa ta' < sena | | |
| 0285 | Maturità residwa ta' >= sena u < sentejn | | |
| 0290 | Maturità residwa ta' >= sentejn | | |
| | **Proporzjonijiet u eżenzjonijiet ta' subordinazzjoni** | | |
| 0300 | **FONDI PROPRJI U OBBLIGAZZJONIJIET ELIĠIBBLI BĦALA PERSENTAĠĠ TAT-TREA** | | |
| 0310 | Li minnhom: fondi proprji u obbligazzjonijiet subordinati | | |
| 0320 | **FONDI PROPRJI U OBBLIGAZZJONIJIET ELIĠIBBLI BĦALA PERSENTAĠĠ TAT-TEM** | | |
| 0330 | Li minnhom fondi proprji u obbligazzjonijiet subordinati | | |
| 0340 | Tapplika l-eżenzjoni ta' subordinazzjoni stipulata fl-Artikolu 72b(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013? (eżenzjoni ta' 5 %) | | |

| | | Rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) | Rekwiżit għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għall-G-SIIs (TLAC) |
|---|---|---|---|
| | | 0010 | 0020 |
| 0350 | L-ammont aggregat ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli mhux subordinati permessi jekk tiġi applikata d-diskrezzjoni ta' subordinazzjoni stipulata fl-Artikolu 72b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (eżenzjoni massima ta' 3,5 %) | | |
| 0360 | Is-sehem tal-obbligazzjonijiet mhux subordinati totali li huwa inkluż fil-fondi proprji u fl-obbligazzjonijiet eliġibbli | | |

**M 02.00 - Il-kapaċità u l-kompożizzjoni ta' MREL u TLAC (gruppi / entitajiet ta' riżoluzzjoni) (TLAC1)**

| | | Rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) | Rekwiżit tal-G-SII għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (TLAC) | Entrata fil-memorandum: Ammonti eliġibbli għall-finijiet ta' MREL, iżda mhux ta' TLAC |
|---|---|---|---|---|
| | | 0010 | 0020 | 0030 |
| 0010 | **FONDI PROPRJI U OBBLIGAZZJONIJIET ELIĠIBBLI** | | | |
| 0020 | **Fondi proprji (eliġibbli)** | | | |
| 0030 | **Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni** | | | |
| 0040 | **Kapital tal-Grad 1 Addizzjonali (Eliġibbli)** | | | |
| 0050 | **Kapital tal-Grad 2 (Eliġibbli)** | | | |
| 0060 | **Obbligazzjonijiet eliġibbli** | | | |
| 0070 | **Entrati ta' obbligazzjonijiet eliġibbli qabel l-aġġustamenti** | | | |
| 0080 | li minnhom: obbligazzjonijiet eliġibbli meqjusa bħala strutturalment subordinati | | | |
| 0090 | Obbligazzjonijiet eliġibbli subordinati għall-obbligazzjonijiet esklużi | | | |
| 0100 | Strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli maħruġa direttament mill-entità ta' riżoluzzjoni (mhux soġġetti għal anterjorità) | | | |
| 0110 | Strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli maħruġa minn entitajiet oħrajn fi ħdan il-grupp ta' riżoluzzjoni (mhux soġġetti għal anterjorità) | | | |
| 0120 | Strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli maħruġa qabel is-27 ta' Ġunju 2019 | | | |
| 0130 | Strumenti tal-Grad 2 b'maturità residwa ta' mill-inqas sena sal-punt li ma jikkwalifikawx bħala entrati tal-Grad 2 | | | |

| | | Rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) | Rekwiżit tal-G-SII għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (TLAC) | Entrata fil-memorandum: Ammonti eliġibbli għall-finijiet ta' MREL, iżda mhux ta' TLAC |
|---|---|---|---|---|
| | | 0010 | 0020 | 0030 |
| 0140 | Obbligazzjonijiet eliġibbli mhux subordinati għall-obbligazzjonijiet esklużi | | | |
| 0150 | Obbligazzjonijiet eliġibbli li mhumiex subordinati għall-obbligazzjonijiet esklużi (mhux soġġetti għal anterjorità, qabel il-limitu massimu) | | | |
| 0160 | Obbligazzjonijiet eliġibbli li mhumiex subordinati għall-obbligazzjonijiet esklużi maħruġa qabel is-27 ta' Ġunju 2019 (qabel il-limitu massimu) | | | |
| 0170 | Ammonti eliġibbli wara l-applikazzjoni tal-limitu massimu tal-Artikolu 72b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (mhux soġġetti għal anterjorità) | | | |
| 0180 | Ammonti eliġibbli wara l-applikazzjoni tal-limitu massimu tal-Artikolu 72b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li jikkonsistu f'entrati maħruġa qabel is-27 ta' Ġunju 2019 | | | |
| 0190 | (-) **Tnaqqis** | | | |
| 0200 | (-) Skoperturi bejn gruppi ta' riżoluzzjoni b'punt ta' dħul multiplu (MPE) | | | |
| 0210 | (-) Investimenti fi strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli oħrajn | | | |
| 0220 | **Eċċess tat-tnaqqis mill-obbligazzjonijiet eliġibbli fuq l-obbligazzjonijiet eliġibbli (imnaqqas mill-Grad 2)** | | | |
| ENTRATI FIL-MEMORANDUM | | | | |
| 0400 | **CET1 (%) disponibbli wara li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-entità** | | | |
| 0410 | **Ir-rekwiżit ta' riżerva kombinat (%)** | | | |
| 0420 | li minnhom: ir-rekwiżit ta' riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital | | | |

| | | **Rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL)** | **Rekwiżit tal-G-SII għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (TLAC)** | **Entrata fil-memorandum: Ammonti eliġibbli għall-finijiet ta' MREL, iżda mhux ta' TLAC** |
|---|---|---|---|---|
| | | 0010 | 0020 | 0030 |
| 0430 | li minnhom: ir-rekwiżit ta' riżerva kontroċiklika | | | |
| 0440 | li minnhom: ir-rekwiżit ta' riżerva għar-riskju sistemiku | | | |
| 0450 | li minnhom: Riżerva għal Istituzzjoni Globali Sistematikament Importanti (G-SII) jew Istituzzjoni Oħra Sistematikament Importanti (O-SII) | | | |
| 0460 | **Investimenti f'obbligazzjonijiet eliġibbli subordinati ta' istituzzjonijiet oħrajn** | | | |
| 0470 | Investimenti f'obbligazzjonijiet eliġibbli subordinati ta' G-SIIs | | | |
| 0480 | Investimenti f'obbligazzjonijiet eliġibbli subordinati ta' O-SIIs | | | |
| 0490 | Investimenti f'obbligazzjonijiet eliġibbli subordinati ta' istituzzjonijiet oħrajn | | | |
| 0500 | **Obbligazzjonijiet esklużi** | | | |

**M 03.00 - MREL intern u TLAC interna (ILAC)**

| | | MREL intern | TLAC interna |
|---|---|---|---|
| | | 0010 | 0020 |
| 0010 | Livell ta' applikazzjoni | | |
| | **L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju u l-kejl tal-iskopertura totali** | | |
| 0100 | **Ammont totali tal-iskopertura għar-riskju (TREA)** | | |
| 0110 | **Kejl tal-iskopertura totali (TEM)** | | |
| | **Fondi proprji eliġibbli u obbligazzjonijiet eliġibbli** | | |
| 0200 | **Fondi proprji eliġibbli u obbligazzjonijiet eliġibbli** | | |
| 0210 | **Fondi proprji eliġibbli** | | |
| 0220 | Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1) | | |
| 0230 | Kapital tal-Grad 1 Addizzjonali eliġibbli | | |
| 0240 | Kapital tal-Grad 2 Eliġibbli | | |
| 0250 | **Obbligazzjonijiet u garanziji eliġibbli** | | |
| 0260 | Obbligazzjonijiet eliġibbli (esklużi l-garanziji) | | |
| 0270 | Garanziji pprovduti mill-entità ta' riżoluzzjoni u permessi mill-awtorità ta' riżoluzzjoni | | |
| 0280 | Entrata fil-memorandum: Parti kollateralizzata tal-garanzija | | |
| 0290 | (-) **It-tnaqqis jew l-ekwivalenti** | | |
| | **Il-proporzjonijiet ta' fondi proprji eliġibbli u obbligazzjonijiet eliġibbli** | | |
| 0400 | **Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli bħala persentaġġ tat-TREA** | | |
| 0410 | li minnhom huma garanziji permessi | | |
| 0420 | **Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli bħala persentaġġ tat-TEM** | | |
| 0430 | li minnhom huma garanziji permessi | | |
| 0440 | **CET1 (%) disponibbli wara li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-entità** | | |
| | **Entrati fil-memorandum** | | |
| 0500 | **Ir-rekwiżit ta' riżerva kombinat (%)** | | |
| 0510 | li minnhom: ir-rekwiżit ta' riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital | | |

| | | MREL intern | TLAC interna |
|---|---|---|---|
| | | 0010 | 0020 |
| 0520 | li minnhom: ir-rekwiżit ta' riżerva kontroċiklika | | |
| 0530 | li minnhom: ir-rekwiżit ta' riżerva għar-riskju sistemiku | | |
| 0540 | li minnhom: Riżerva għal Istituzzjoni Globali Sistematikament Importanti (G-SII) jew Istituzzjoni Oħra Sistematikament Importanti (O-SII) | | |
| 0550 | **Obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna** | | |
| 0560 | li minnhom huma regolati mil-liġi ta' pajjiż terz | | |
| 0570 | li minnhom fihom klawżola ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE | | |
| 0580 | Maturità residwa ta' < sena | | |
| 0590 | Maturità residwa ta' >= sena u < sentejn | | |
| 0600 | Maturità residwa ta' >= sentejn | | |
| 0610 | **Obbligazzjonijiet esklużi** | | |

**M 04.00 - L-istruttura ta' finanzjament tal-obbligazzjonijiet eliġibbli (LIAB MREL)**

| | | **Ammont eliġibbli għal MREL / MREL intern** |
|---|---|---|
| | | 0010 |
| 0100 | **OBBLIGAZZJONIJIET ELIĠIBBLI** | |
| 0200 | **Depożiti, mhux koperti u mhux preferenzjali >= sena** | |
| 0210 | li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn | |
| 0220 | li minnhom: maturità residwa >= sentejn | |
| 0230 | li minnhom: maħruġa minn sussidjarji | |
| 0300 | **Obbligazzjonijiet garantiti mhux kollateralizzati >= sena** | |
| 0310 | li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn | |
| 0320 | li minnhom: maturità residwa >= sentejn | |
| 0330 | li minnhom: maħruġa minn sussidjarji | |
| 0400 | **Noti strutturati >= sena** | |
| 0410 | li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn | |
| 0420 | li minnhom: maturità residwa >= sentejn | |
| 0430 | li minnhom: maħruġa minn sussidjarji | |
| 0500 | **Obbligazzjonijiet superjuri mhux garantiti >= sena** | |
| 0510 | li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn | |
| 0520 | li minnhom: maturità residwa >= sentejn | |
| 0530 | li minnhom: maħruġa minn sussidjarji | |
| 0600 | **Obbligazzjonijiet superjuri mhux preferuti >= sena** | |
| 0610 | li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn | |
| 0620 | li minnhom: maturità residwa >= sentejn | |
| 0630 | li minnhom: maħruġa minn sussidjarji | |
| 0700 | **Obbligazzjonijiet subordinati (mhux rikonoxxuti bħala fondi proprji) >= sena** | |
| 0710 | li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn | |

| | | Ammont eliġibbli għal MREL / MREL intern |
|---|---|---|
| | | 0010 |
| 0720 | li minnhom: maturità residwa >= sentejn | |
| 0730 | li minnhom: maħruġa minn sussidjarji | |
| 0800 | **Obbligazzjonijiet eliġibbli oħrajn ta' MREL >= sena** | |
| 0810 | li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn | |
| 0820 | li minnhom: maturità residwa >= sentejn | |
| 0830 | li minnhom: maħruġa minn sussidjarji | |

**M 05.00 - Klassifikazzjoni tal-kredituri (entità li mhijiex entità ta' riżoluzzjoni) (TLAC2)**

| **Grad ta' insolvenza** | **Tip ta' kreditur** | **Deskrizzjoni tal-grad ta' insolvenza** | **Obbligazzjonijiet u fondi proprji** | | **Obbligazzjonijiet u fondi proprji wara li jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet esklużi** | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | li minnhom: obbligazzjonijiet esklużi | | li minnhom: fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għall-fini ta' MREL intern | | | | | |
| | | | | | | | li minnhom: b'maturità residwa ta' | | | | li minnhom: titoli perpetwi |
| | | | | | | | ≥ sena < sentejn | ≥ sentejn < 5 snin | ≥ 5 snin < 10 snin | ≥ 10 snin | |
| 0010 | 0020 | 0030 | 0040 | 0050 | 0060 | 0070 | 0080 | 0090 | 0100 | 0110 | 0120 |
| | | | | | | | | | | | |

**M 06.00 - Klassifikazzjoni tal-kredituri (entitajiet ta' riżoluzzjoni) (TLAC3)**

| **Grad ta' insolvenza** | **Deskrizzjoni tal-grad ta' insolvenza** | **Obbligazzjonijiet u fondi proprji** | | **Obbligazzjonijiet u fondi proprji wara li jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet esklużi** | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | li minnhom: obbligazzjonijiet esklużi | | li minnhom: fondi proprji u obbligazzjonijiet potenzjalment eliġibbli biex jissodisfaw l-MREL | li minnhom: b'maturità residwa ta' | | | | li minnhom: titoli perpetwi |
| | | | | | | ≥ sena < sentejn | ≥ sentejn < 5 snin | ≥ 5 snin < 10 snin | ≥ 10 snin | |
| 0010 | 0020 | 0030 | 0040 | 0050 | 0060 | 0070 | 0080 | 0090 | 0100 | 0110 |
| | | | | | | | | | | |

## M 07.00 Strumenti regolati mil-liġi ta' pajjiż terz (MTCI)

| Entità emittenti | | | Identifikatur tal-kuntratt | Il-liġi regolatorja (pajjiż terz) | Ir-rikonoxximent kuntrattwali tas-setgħat ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni | Trattament Regolatorju | | Ammont | Grad fi proċedimenti normali ta' insolvenza | | Maturità | (L-ewwel) Data eżerċitabbli | Opzjoni call regolatorja (Iva/Le) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Isem | Kodiċi | Tip ta' kodiċi | | | | Tip ta' fondi proprji jew obbligazzjonijiet eliġibbli | Tip ta' strument | | Il-liġi regolatorja | Grad ta' insolvenza | | | |
| 0010 | 0020 | 0030 | 0040 | 0050 | 0060 | 0070 | 0080 | 0090 | 0100 | 0110 | 0120 | 0130 | 0140 |
| | | | | | | | | | | | | | |

*ANNESS II*

**RAPPORTAR DWAR IR-REKWIŻIT MINIMU GĦALL-FONDI PROPRJI U L-OBBLIGAZZJONIJIET ELIĠIBBLI - STRUZZJONIJIET**

**PARTI I: STRUZZJONIJIET ĠENERALI**

1. Struttura u konvenzjonijiet

1.1. Struttura

1. Dan il-qafas għar-rapportar dwar l-MREL u t-TLAC jikkonsisti f'erba' gruppi ta' mudelli:

(a) ammonti: metriċi ewlenin tal-MREL u t-TLAC;

(b) kompożizzjoni u maturità;

(c) klassifikazzjoni tal-kredituri;

(d) informazzjoni speċifika għall-kuntratti.

2. Għal kull mudell huma pprovduti referenzi legali. Aktar informazzjoni dettaljata rigward aspetti aktar ġenerali tar-rapportar ta' kull sett ta' mudelli u struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi hija inkluża f'din il-parti tar-Regolament.

1.2. Konvenzjoni dwar in-numerazzjoni

3. Id-dokument isegwi l-konvenzjoni dwar it-tikkettar stabbilita fil-punti (a) sa (d), meta ssir referenza għall-kolonni, ir-ringieli u ċ-ċelloli tal-mudelli. Dawk il-kodiċijiet numeriċi jintużaw b'mod estensiv fir-regoli ta' validazzjoni definiti f'konformità mal-Anness III.

(a) hija segwita n-notazzjoni ġenerali li ġejja: {Mudell;Ringiela;Kolonna};

(b) ir-referenzi f'mudell ma jinkludux indikazzjoni tal-mudell: {Ringiela;Kolonna};

(c) fil-każ ta' mudelli b'kolonna waħda biss, issir referenza biss għar-ringieli: {Mudell;Ringiela};

(d) jintuża sinjal ta' asterisk biex jesprimi li r-referenza tkopri r-ringieli jew il-kolonni speċifikati qabel.

1.3. Konvenzjoni dwar is-sinjali

4. Kwalunkwe ammont li jżid il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli, l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju, il-kejl tal-iskopertura tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja jew ir-rekwiżiti għandhom jiġu rrapportati bħala ċifra pożittiva. Għall-kuntrarju, kwalunkwe ammont li jnaqqas il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli, l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju, il-kejl tal-iskopertura tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja jew ir-rekwiżiti għandhom jiġu rrapportati bħala ċifra negattiva. Meta jkun hemm sinjal negattiv (-) qabel it-tikketta ta' entrata, ma jkun mistenni li tiġi rrapportata l-ebda ċifra pożittiva għal dik l-entrata.

1.4. Taqsiriet

5. Għall-finijiet tal-Annessi ta' dan ir-Regolament japplikaw it-taqsiriet li ġejjin:

(a) "MREL" tirreferi għar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE (1);

(1) Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

(b) "TLAC" tirreferi għar-rekwiżiti għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għal istituzzjonijiet globali sistemikament importanti (G-SIIs) skont l-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ([2]);

(c) "TLAC interna" tirreferi għar-rekwiżit għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għal G-SIIs mhux tal-UE skont l-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(d) "MREL intern" tirreferi għall-MREL applikat għal entitajiet li huma stess mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 45f tad-Direttiva 2014/59/UE.

**PARTI II: STRUZZJONIJIET RELATATI MAL-MUDELLI**

1. Ammonti: M 01.00 – Metriċi ewlenin għall-MREL u t-TLAC (KM2)

1.1. Rimarki ġenerali

6. Il-kolonna li tirreferi għar-Rekwiżit Minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) għandha timtela minn entitajiet li huma soġġetti għar-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 45e tad-Direttiva 2014/59/UE. Huma biss dawk l-entitajiet obbligati li jikkonformaw mar-rekwiżit tal-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li għandhom jirrapportaw l-entrati li jirreferu għar-rekwiżit tal-G-SII għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli (TLAC).

1.2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0010 | **Rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL)**<br>L-Artikoli 45 u 45e tad-Direttiva 2014/59/UE |
| 0020 | **Rekwiżit għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għall-G-SIIs (TLAC)**<br>L-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0100 - 0120 | **L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju u l-kejl tal-iskopertura totali** |
| 0100 | **L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju (TREA)**<br>Il-punt (a) tal-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, l-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju rrapportat f'din ir-ringiela għandu jkun l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju li huwa l-bażi għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE jew tal-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif applikabbli. |
| 0110 | **Il-kejl tal-iskopertura totali (TEM)**<br>Il-punt (b) tal-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, l-Artikoli 429(4) u 429a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Il-kejl tal-iskopertura totali rrapportat f'din ir-ringiela għandu jkun il-kejl tal-iskopertura totali li huwa l-bażi għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE jew l-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif applikabbli. |

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0200 - 0230 | **Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli** |
| 0200 | **Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli**<br>*MREL*<br>L-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li jgħoddu għall-MREL għandu jiġi rrapportat bħala s-somma ta':<br>(i) fondi proprji kif definiti fil-punt (118) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;<br>(ii) obbligazzjonijiet eliġibbli kif definiti fil-punt (71a) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>Fil-każ ta' strumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>*TLAC*<br>L-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li jgħoddu għar-rekwiżit tal-G-SII għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli (TLAC) għandu jkun l-ammont imsemmi fl-Artikolu 72 l tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li jikkonsisti fi:<br>(i) fondi proprji kif definiti fil-punt (118) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;<br>(ii) obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 72k tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0210 | **Li minnhom: fondi proprji u obbligazzjonijiet subordinati**<br>L-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli subordinati li jgħoddu għall-MREL għandu jiġi rrapportat bħala s-somma ta':<br>(i) fondi proprji kif definiti fil-punt (118) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;<br>(ii) obbligazzjonijiet eliġibbli inklużi fl-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 45b tad-Direttiva 2014/59/UE li huma strumenti eliġibbli subordinati kif definiti fil-punt (71b) tal-Artikolu 2(1) ta' dik id-Direttiva;<br>(iii) obbligazzjonijiet inklużi fl-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 45b(3) tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>Fil-każ ta' strumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| 0220 | **Li minnhom huma rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz**<br>L-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li huma rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz kif imsemmi fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| 0230 | **Li minnhom fihom klawżola ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE**<br>L-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li huma rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz u li fihom klawżola ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0250 - 0290 | **Obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna**<br>Entitajiet li, fid-data tar-rapportar ta' dik l-informazzjoni, iżommu ammonti ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli ta' mill-inqas 150 % tar-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2014/59/UE għandhom jiġu eżentati mir-rapportar tal-informazzjoni fir-ringieli 0250 sa 0290. Tali entitajiet jistgħu jagħżlu li jirrapportaw dik l-informazzjoni f'dan il-mudell fuq bażi volontarja. |
| 0250 | **Obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna**<br>L-ammont ta' obbligazzjonijiet ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna, kif definit fil-punt (71) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, li mhumiex inklużi fil-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 45b ta' dik id-Direttiva.<br>Dak l-ammont jikkorrespondi għad-differenza bejn l-obbligazzjonijiet mhux esklużi mir-rikapitalizzazzjoni interna kif irrapportata fi {r0300, c0090} tal-mudell Z 02.00 stipulat fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1624 [3] u l-obbligazzjonijiet eliġibbli kif irrapportati fi {r0200} ta' dan il-mudell. |
| 0260 | **Li minnhom huma rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz**<br>L-ammont ta' obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna li huma rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz kif imsemmi fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| 0270 | **Li minnhom fihom klawżola ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE**<br>L-ammont ta' obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna li huma rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz u li fihom klawżola ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| 0280 – 0290 | **Diżaggregazzjoni ta' obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna skont il-maturità residwa** |
| 0280 | Maturità residwa ta' < sena |
| 0285 | Maturità residwa ta' >= sena u < sentejn |
| 0290 | Maturità residwa ta' >= sentejn |
| 0300 - 0360 | **Proporzjonijiet u eżenzjonijiet ta' subordinazzjoni** |
| 0300 | **Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli bħala persentaġġ tat-TREA**<br>Għall-fini ta' din ir-ringiela, l-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li jiġi rrapportat fir-ringiela 0200 għandu jiġi espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0310 | **Li minnhom: fondi proprji u obbligazzjonijiet subordinati**<br>Għall-fini ta' din ir-ringiela, l-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli subordinati li jiġi rrapportat fir-ringiela 0210 għandu jiġi espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0320 | **Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli bħala persentaġġ tat-TEM**<br>Għall-fini ta' din ir-ringiela, l-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li jiġi rrapportat fir-ringiela 0200 għandu jiġi espress bħala persentaġġ tal-kejl tal-iskopertura totali kkalkolat f'konformità mal-Artikoli 429(4) u 429a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |

[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1624 tat-23 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' proċeduri u formoli u mudelli standard għall-forniment ta' informazzjoni għall-finijiet ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment skont id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1066 (ĠU L 277, 7.11.2018, p. 1).

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0330 | **Li minnhom: fondi proprji u obbligazzjonijiet subordinati**<br>Għall-fini ta' din ir-ringiela, l-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli subordinati li jiġi rrapportat fir-ringiela 0210 għandu jiġi espress bħala persentaġġ tal-kejl tal-iskopertura totali kkalkolat f'konformità mal-Artikoli 429(4) u 429a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0340 | **Tapplika l-eżenzjoni tas-subordinazzjoni stipulata fl-Artikolu 72b(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013? (eżenzjoni ta' 5 %)**<br>Din ir-ringiela għandha tiġi rrapportata biss minn entitajiet soġġetti għar-rekwiżit tal-G-SII għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli (rekwiżit tat-TLAC).<br>Meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni tippermetti li l-obbligazzjonijiet jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 72b(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-entità li tirrapporta għandha tindika "iva" fil-kolonna 0020.<br>Meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma tippermettix li l-obbligazzjonijiet jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 72b(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-entità li tirrapporta għandha tindika "le" fil-kolonna 0020.<br>Billi l-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikolu 72b(3) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 huma esklussivi b'mod reċiproku, din ir-ringiela ma għandhiex timtela jekk l-entità li tirrapporta tkun imliet {r0350}. |
| 0350 | **L-ammont aggregat ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli mhux subordinati permessi jekk tiġi applikata d-diskrezzjoni tas-subordinazzjoni stipulata fl-Artikolu 72b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (eżenzjoni massima ta' 3.5 %)**<br>Ammont aggregat ta' obbligazzjonijiet mhux subordinati li l-awtorità ta' riżoluzzjoni ppermettiet li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli għall-fini tar-rekwiżit tal-G-SII għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli (TLAC) f'konformità mal-Artikolu 72b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew li jikkwalifikaw skont l-Artikolu 494(3) ta' dak ir-Regolament.<br>Sal-31 ta' Diċembru 2021, l-ammont irrapportat f'din ir-ringiela għandu jkun l-ammont wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 494(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (limitu massimu ta' 2,5 %).<br>Billi l-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikolu 72b(3) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 huma esklussivi b'mod reċiproku, din ir-ringiela ma għandhiex timtela jekk l-entità li tirrapporta tindika "iva" fi {r0340,c0020}. |
| 0360 | **Is-sehem tal-obbligazzjonijiet mhux subordinati totali li huwa inkluż f'fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli**<br>Din ir-ringiela għandha tiġi rrapportata biss minn entitajiet soġġetti għar-rekwiżit tal-G-SII għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli (rekwiżit tat-TLAC).<br>Jekk tapplika eżenzjoni ta' subordinazzjoni limitata stipulata fl-Artikolu 72b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-entitajiet għandhom jirrapportaw:<br>(i) l-ammont ta' obbligazzjonijiet maħruġa li jikklassifika *pari passu* mal-obbligazzjonijiet esklużi kif imsemmi fl-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u huwa inkluż fl-ammont irrapportat fir-ringiela 0200 (wara l-applikazzjoni tal-limitu massimu),<br>(ii) diviż bl-ammont ta' obbligazzjonijiet maħruġa li jikklassifika *pari passu* mal-obbligazzjonijiet esklużi kif imsemmi fl-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li jkunu rikonoxxuti taħt ir-ringiela 0200 jekk ma jkun ġie applikat l-ebda limitu massimu. |

2. Kompożizzjoni u maturità

2.1. M 02.00 – il-kapaċità u l-kompożizzjoni tal-MREL u tat-TLAC (gruppi u entitajiet ta' riżoluzzjoni) (TLAC1)

2.1.1. Rimarki ġenerali

7. Il-mudell M 02.00 – il-kapaċità u l-kompożizzjoni tal-MREL u tat-TLAC (gruppi u entitajiet ta' riżoluzzjoni) (TLAC1) jipprovdi aktar dettalji dwar il-kompożizzjoni tal-fondi proprji u tal-obbligazzjonijiet eliġibbli.

8. Il-kolonna li tirreferi għar-Rekwiżit Minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) għandha timtela minn entitajiet li huma soġġetti għar-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 45e tad-Direttiva 2014/59/UE. Huma biss dawk l-entitajiet obbligati li jikkonformaw mar-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li għandhom jirrapportaw l-entrati li jirreferu għar-rekwiżit tal-G-SII għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli (TLAC).

2.1.2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonna | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0010 | **Rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL)**<br>L-Artikoli 45 u 45e tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| 0020 | **Rekwiżiti għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għall-G-SIIs (TLAC)**<br>L-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0030 | **Entrata fil-memorandum: Ammonti eliġibbli għall-finijiet ta' MREL, iżda mhux ta' TLAC**<br>Din il-kolonna għandha timtela biss minn entitajiet soġġetti għar-rekwiżit għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli għall-G-SIIs (TLAC).<br>Din il-kolonna għandha tirrifletti d-differenza bejn l-ammonti ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE f'konformità mal-Artikolu 45e ta' dik id-Direttiva u l-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0010 | **FONDI PROPRJI U OBBLIGAZZJONIJIET ELIĠIBBLI**<br>Il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli għall-finijiet tal-Artikolu 45e tad-Direttiva 2014/59/UE u tal-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>*MREL*<br>L-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li jgħoddu għall-MREL għandu jiġi rrapportat bħala s-somma ta':<br>(i) fondi proprji kif definiti fil-punt (118) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;<br>(ii) obbligazzjonijiet eliġibbli kif definiti fil-punt (71a) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>Fil-każ ta' strumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>*TLAC*<br>L-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li jgħoddu għar-rekwiżit għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli għall-G-SIIs (TLAC) għandu jkun l-ammont imsemmi fl-Artikolu 72 l tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li jikkonsisti fi:<br>(i) fondi proprji kif definiti fil-punt (118) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;<br>(ii) obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 72k tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0020 | **Fondi proprji (eliġibbli)**<br>Il-punt (118) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>Fil-każ tal-MREL, l-istrumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz għandhom jiġu inklużi biss f'din ir-ringiela u fir-ringieli 0040 u 0050 jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| 0030 | **Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni**<br>L-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0040 | **Kapital tal-Grad 1 Addizzjonali (Eliġibbli)**<br>L-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0050 | **Kapital tal-Grad 2 (Eliġibbli)**<br>L-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0060 | **Obbligazzjonijiet eliġibbli**<br>*MREL*<br>Obbligazzjonijiet eliġibbli kif definiti fil-punt (71a) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE; fil-każ ta' strumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 55 ta' dik id-Direttiva.<br>*TLAC*<br>Obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 72k tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0070 | **Entrati ta' obbligazzjonijiet eliġibbli qabel l-aġġustamenti**<br>*MREL*<br>Obbligazzjonijiet eliġibbli kif definiti fil-punt (71a) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE; fil-każ ta' strumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 55 ta' dik id-Direttiva.<br>*TLAC*<br>Obbligazzjonijiet eliġibbli li jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha stipulati fl-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0080 | **Li minnhom: obbligazzjonijiet eliġibbli meqjusa bħala strutturalment subordinati**<br>*MREL*<br>Obbligazzjonijiet li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 45b tad-Direttiva 2014/59/UE minħabba li jinħarġu minn entità ta' riżoluzzjoni li hija kumpanija azzjonarja u minħabba li ma hemmx obbligazzjonijiet esklużi kif imsemmi fl-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jikklassifikaw *pari passu* ma' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli jew li huma subordinati għalihom.<br>Fil-każ ta' strumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>Din ir-ringiela għandha tinkludi wkoll l-obbligazzjonijiet eliġibbli li jikkwalifikaw bħala riżultat tal-anterjorità f'konformità mal-Artikolu 494b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>*TLAC*<br>Obbligazzjonijiet li:<br>(a) jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u, b'mod partikolari, mar-rekwiżit stipulat fil-punt (d)(iii) tal-Artikolu 72b(2) ta' dak ir-Regolament, iżda mhux mar-rekwiżiti stipulati fil-punti (d)(i) jew (ii) ta' dak il-paragrafu, jew |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| | (b) li jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ħlief għall-punt (d) tal-Artikolu 72b(2) ta' dak ir-Regolament, u li huma permessi jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 72b(4) ta' dak ir-Regolament.<br><br>Din ir-ringiela għandha tinkludi wkoll l-obbligazzjonijiet eliġibbli li jikkwalifikaw bħala riżultat tal-anterjorità f'konformità mal-Artikolu 494b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0090 | **Obbligazzjonijiet eliġibbli subordinati għall-obbligazzjonijiet esklużi**<br><br>*MREL*<br><br>Obbligazzjonijiet eliġibbli inklużi fl-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 45b tad-Direttiva 2014/59/UE li huma strumenti eliġibbli subordinati kif definiti fil-punt (71b) tal-Artikolu 2(1) ta' dik id-Direttiva u obbligazzjonijiet inklużi fl-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 45b(3) ta' dik id-Direttiva. Fil-każ ta' strumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 55 ta' dik id-Direttiva.<br><br>*TLAC*<br><br>Obbligazzjonijiet eliġibbli li jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha stipulati fl-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, bl-esklużjoni tal-obbligazzjonijiet permessi biex jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikoli 72b(3) jew (4) ta' dak ir-Regolament. |
| 0100 | **Strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli maħruġa direttament mill-entità ta' riżoluzzjoni (mhux soġġetti għal anterjorità)**<br><br>*MREL*<br><br>Obbligazzjonijiet eliġibbli inklużi fl-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 45b tad-Direttiva 2014/59/UE li huma strumenti eliġibbli subordinati kif definiti fil-punt (71b) tal-Artikolu 2(1) ta' dik id-Direttiva u li jinħarġu direttament mill-entità ta' riżoluzzjoni. Fil-każ ta' strumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 55 ta' dik id-Direttiva.<br><br>*TLAC*<br><br>Obbligazzjonijiet eliġibbli li jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha stipulati fl-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, bl-esklużjoni ta' obbligazzjonijiet permessi biex jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikoli 72b(3) jew (4) ta' dak ir-Regolament, u li jinħarġu direttament mill-entità ta' riżoluzzjoni.<br><br>Din ir-ringiela la għandha tinkludi l-porzjon amortizzat tal-istrumenti tal-Grad 2, fejn il-maturità li jifdal tkun akbar minn sena (il-punt (b) tal-Artikolu 72a(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013), u lanqas l-obbligazzjonijiet eliġibbli soġġetti għal anterjorità skont l-Artikolu 494b ta' dak ir-Regolament. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0110 | **Strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli maħruġa minn entitajiet oħrajn fi ħdan il-grupp ta' riżoluzzjoni (mhux soġġetti għal anterjorità)**<br>*MREL*<br>Obbligazzjonijiet eliġibbli inklużi fl-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 45b tad-Direttiva 2014/59/UE li jinħarġu minn sussidjarji u li huma inklużi fl-MREL f'konformità mal-Artikolu 45b(3) ta' dik id-Direttiva. Fil-każ ta' strumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 55 ta' dik id-Direttiva.<br>*TLAC*<br>Obbligazzjonijiet eliġibbli li jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha stipulati fl-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, bl-esklużjoni ta' obbligazzjonijiet permessi biex jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikoli 72b(3) jew (4) ta' dak ir-Regolament, li jinħarġu minn sussidjarji u jikkwalifikaw għall-inklużjoni fl-istrumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli kkonsolidati ta' entità f'konformità mal-Artikolu 88a ta' dak ir-Regolament.<br>Din ir-ringiela la għandha tinkludi l-porzjon amortizzat tal-istrumenti tal-Grad 2, fejn il-maturità li jifdal tkun akbar minn sena (il-punt (b) tal-Artikolu 72a(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013), u lanqas l-obbligazzjonijiet eliġibbli soġġetti għal anterjorità skont l-Artikolu 494b ta' dak ir-Regolament. |
| 0120 | **Entrati ta' obbligazzjonijiet eliġibbli maħruġa qabel is-27 ta' Ġunju 2019**<br>*MREL*<br>L-obbligazzjonijiet eliġibbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>(a) ikunu nħarġu qabel is-27 ta' Ġunju 2019;<br>(b) ikunu strumenti eliġibbli subordinati kif definiti fil-punt (71b) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE;<br>(c) ikunu inklużi f'fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 494b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>(d) fil-każ tal-istrumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>*TLAC*<br>L-obbligazzjonijiet eliġibbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>(a) ikunu nħarġu qabel is-27 ta' Ġunju 2019;<br>(b) ikunu jikkonformaw mal-punt (d) tal-Artikolu 72b(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;<br>(c) ikunu jikkwalifikaw bħala obbligazzjonijiet eliġibbli bħala riżultat tal-anterjorità f'konformità mal-Artikolu 494b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0130 | **Strumenti tal-Grad 2 b'maturità residwa ta' mill-inqas sena sal-punt li ma jikkwalifikawx bħala entrati tal-Grad 2**<br>Il-punt (b) tal-Artikolu 72a(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>Din ir-ringiela għandha tinkludi l-porzjon amortizzat tal-istrumenti tal-Grad 2, fejn il-maturità li jifdal tkun akbar minn sena. Huwa biss l-ammont mhux rikonoxxut f'fondi proprji, iżda li jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà kollha stipulati fl-Artikolu 72b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li għandu jiġi rrapportat f'din ir-ringiela.<br>Fil-każ tal-MREL, l-istrumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz għandhom jiġu inklużi biss f'din ir-ringiela jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0140 | **Obbligazzjonijiet eliġibbli mhux subordinati għall-obbligazzjonijiet esklużi**<br>*MREL*<br>Obbligazzjonijiet li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 45b tad-Direttiva 2014/59/UE u li mhumiex kompletament subordinati għal pretensjonijiet li jirriżultaw mill-obbligazzjonijiet esklużi msemmija fl-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Fil-każ ta' strumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>*TLAC*<br>Obbligazzjonijiet eliġibbli li jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ħlief għall-punt (d) tal-Artikolu 72b(2) ta' dak ir-Regolament, u huma rikonoxxuti bħala obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikoli 72b(3) jew (4) ta' dak ir-Regolament. Fejn japplika l-Artikolu 72b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-ammont irrapportat għandu jkun l-ammont wara l-applikazzjoni tal-limitu massimu stipulat f'dak l-Artikolu. |
| 0150 | **Obbligazzjonijiet eliġibbli li mhumiex subordinati għall-obbligazzjonijiet esklużi (mhux soġġetti għal anterjorità qabel il-limitu massimu)**<br>*MREL*<br>Obbligazzjonijiet li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 45b(1) sa (3) tad-Direttiva 2014/59/UE u li mhumiex kompletament subordinati għal pretensjonijiet li jirriżultaw mill-obbligazzjonijiet esklużi msemmija fl-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Fil-każ ta' strumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>*TLAC*<br>Obbligazzjonijiet eliġibbli li jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ħlief għall-punt (d) tal-Artikolu 72b(2) ta' dak ir-Regolament, u li jistgħu kunu permessi jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 72b(3) ta' dak ir-Regolament jew li huma permessi jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 72b(4) ta' dak ir-Regolament.<br>Fejn japplika l-Artikolu 72b(3) jew l-Artikolu 494(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għandu jiġi rrapportat l-ammont sħiħ mingħajr applikazzjoni tal-limitu massimu ta' 3,5 %, u tal-limitu massimu ta' 2,5 %, rispettivament, f'din ir-ringiela.<br>Din ir-ringiela ma għandha tinkludi l-ebda ammont rikonoxxibbli fuq bażi tranżitorja f'konformità mal-Artikolu 494b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0160 | **Obbligazzjonijiet eliġibbli li mhumiex subordinati għall-obbligazzjonijiet esklużi maħruġa qabel is-27 ta' Ġunju 2019 (qabel il-limitu massimu)**<br>*MREL*<br>L-obbligazzjonijiet eliġibbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>(a) ikunu nħarġu qabel is-27 ta' Ġunju 2019;<br>(b) ikunu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 45b(1) sa (3) tad-Direttiva 2014/59/UE u ma jkunux kompletament subordinati għal pretensjonijiet li jirriżultaw mill-obbligazzjonijiet esklużi msemmija fl-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;<br>(c) ikunu jikkwalifikaw bħala obbligazzjonijiet eliġibbli bħala riżultat tal-anterjorità f'konformità mal-Artikolu 494b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| | Fil-każ ta' strumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk ikun jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>*TLAC*<br>L-obbligazzjonijiet eliġibbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>(a) ikunu nħarġu qabel is-27 ta' Ġunju 2019;<br>(b) ikunu jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ħlief għall-punt (d) tal-Artikolu 72b(2) ta' dak ir-Regolament, u jkunu jistgħu jkunu permessi jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 72b(3) ta' dak ir-Regolament jew ikunu permessi jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 72b(4) ta' dak ir-Regolament;<br>(c) ikunu jikkwalifikaw bħala obbligazzjonijiet eliġibbli bħala riżultat tal-anterjorità f'konformità mal-Artikolu 494b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Fejn japplika l-Artikolu 72b(3) jew l-Artikolu 494(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għandu jiġi rrapportat l-ammont sħiħ mingħajr applikazzjoni tal-limitu massimu ta' 3,5 %, u tal-limitu massimu ta' 2,5 %, rispettivament, f'din ir-ringiela. |
| 0170 | **Ammonti eliġibbli wara l-applikazzjoni tal-limitu massimu tal-Artikolu 72b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (mhux soġġetti għal anterjorità)**<br>*TLAC*<br>L-obbligazzjonijiet eliġibbli li jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ħlief għall-punt (d) tal-Artikolu 72b(2) ta' dak ir-Regolament, wara li jiġu applikati l-paragrafi (3) sa (5) tal-Artikolu 72b ta' dak ir-Regolament, bl-esklużjoni tal-obbligazzjonijiet rikonoxxuti skont l-anterjorità stabbilita fl-Artikolu 494b(3) ta' dak ir-Regolament.<br>Fejn japplika l-Artikolu 72b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u sal-31 ta' Diċembru 2021, l-ammont irrapportat f'din ir-ringiela għandu jkun l-ammont wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 494(2) ta' dak ir-Regolament (limitu massimu ta' 2,5 %). |
| 0180 | **Ammonti eliġibbli wara l-applikazzjoni tal-limitu massimu tal-Artikolu 72b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jikkonsisti fl-entrati maħruġa qabel is-27 ta' Ġunju 2019**<br>*TLAC*<br>L-obbligazzjonijiet eliġibbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>(a) ikunu nħarġu qabel is-27 ta' Ġunju 2019;<br>(b) ikunu jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ħlief għall-punt (d) tal-Artikolu 72b(2) ta' dak ir-Regolament, wara li jiġu applikati l-paragrafi (3) sa (5) tal-Artikolu 72b ta' dak ir-Regolament;<br>(c) ikunu jikkwalifikaw bħala obbligazzjonijiet eliġibbli bħala riżultat tal-anterjorità f'konformità mal-Artikolu 494b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Fejn japplika l-Artikolu 72b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u sal-31 ta' Diċembru 2021, l-ammont irrapportat f'din ir-ringiela għandu jkun l-ammont wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 494(2) ta' dak ir-Regolament (limitu massimu ta' 2,5 %). |
| 0190 | (-) **Tnaqqis** |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0200 | (-) **Skoperturi bejn gruppi ta' riżoluzzjoni b'punt ta' dħul multiplu (MPE)**<br><br>*TLAC*<br><br>Din ir-ringiela għandha tirrifletti t-tnaqqis tal-iskoperturi bejn il-gruppi ta' riżoluzzjoni tal-MPE G-SII, li jikkorrespondu għal parteċipazzjonijiet diretti, indiretti jew sintetiċi ta' strumenti ta' fondi proprji jew strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli ta' sussidjarja waħda jew aktar li ma jappartjenux għall-istess grupp ta' riżoluzzjoni bħall-entità ta' riżoluzzjoni, f'konformità mal-Artikolu 72e(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0210 | (-) **Investimenti fi strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli oħrajn**<br><br>*TLAC*<br><br>L-entitajiet għandhom jirrapportaw it-tnaqqis tal-investimenti fi strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli oħrajn, kif imsemmi fl-Artikolu 72e(1) sa (3) u fl-Artikoli 72f sa 72j tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fejn l-ammont li għandu jitnaqqas mill-entrati ta' obbligazzjonijiet eliġibbli jiġi ddeterminat f'konformità mat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 5a tat-Titolu I tal-Parti Tnejn ta' dak ir-Regolament. |
| 0220 | **Eċċess tat-tnaqqis mill-obbligazzjonijiet eliġibbli fuq l-obbligazzjonijiet eliġibbli**<br><br>L-obbligazzjonijiet eliġibbli ma jistgħux ikunu negattivi, iżda huwa possibbli li t-tnaqqis mill-obbligazzjonijiet eliġibbli jkun akbar mill-obbligazzjonijiet eliġibbli. Meta jiġri dan, l-obbligazzjonijiet eliġibbli jridu jkunu ugwali għal żero, u l-eċċess tat-tnaqqis għandu jitnaqqas mill-Grad 2 f'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 66 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br><br>B'din l-entrata, jirriżulta li l-obbligazzjonijiet eliġibbli kif irrapportati fir-ringiela 0060 qatt ma jkunu inqas minn żero. |
| 0400 - 0500 | **Entrati fil-memorandum** |
| 0400 | **CET1 (%) disponibbli wara li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-entità**<br><br>L-ammont ta' CET1, ugwali għal żero jew pożittiv, disponibbli wara li jiġu ssodisfati kull wieħed mir-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 141a(1) tad-Direttiva 2013/36/UE ([4]) u l-ogħla minn:<br><br>(a) fejn applikabbli, ir-rekwiżit tal-G-SII għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli stipulati fl-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (ir-rekwiżit TLAC), meta kkalkolat f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu (1) ta' dak l-artikolu,<br><br>(b) ir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE, meta kkalkolat f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 45(2) ta' dik id-Direttiva.<br><br>Is-CET1 disponibbli għandu jiġi espress f'persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kif irrapportat fir-ringiela 0100 tal-mudell M 01.00.<br><br>Iċ-ċifra rrapportata għandha tkun identika kemm fil-kolonni tal-MREL kif ukoll f'dawk tat-TLAC.<br><br>Din għandha tqis l-effett tad-dispożizzjonijiet tranżitorji fuq il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli, l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju u r-rekwiżiti nfushom. La l-gwida dwar il-fondi proprji addizzjonali msemmija fl-Artikolu 104b tad-Direttiva 2013/36/UE u lanqas ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata tal-punt (6) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 128 ta' dik id-Direttiva ma għandhom jiġu kkunsidrati. |
| 0410 | **Rekwiżit ta' riżerva kombinata (%)**<br><br>Il-punt (6) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE<br><br>Ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata għandu jiġi espress bħala persentaġġ tal-ammont totali ta' skopertura għar-riskju. |

([4]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0420 | **li minnhom: ir-rekwiżit ta' riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital**<br><br>L-ammont tar-riżerva kkombinata speċifika għall-istituzzjoni (espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) li jirrigwarda r-rekwiżit tar-riżerva ta' konservazzjoni tal-kapital. |
| 0430 | **li minnhom: ir-rekwiżit tar-riżerva kontroċiklika**<br><br>L-ammont tar-riżerva kkombinata speċifika għall-istituzzjoni (espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) li jirrigwarda r-rekwiżit tar-riżerva kontroċiklika. |
| 0440 | **li minnhom: ir-rekwiżit tar-riżerva għar-riskju sistemiku**<br><br>L-ammont tar-riżerva kkombinata speċifika għall-istituzzjoni (espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) li jirrigwarda r-rekwiżit tar-riżerva għar-riskju sistemiku. |
| 0450 | **li minnhom: Riżerva għal Istituzzjoni Globali Sistemikament Importanti (G-SII) jew Istituzzjoni Oħra Sistematikament Importanti (O-SII)**<br><br>L-ammont tar-riżerva kkombinata speċifika għall-istituzzjoni (espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) li jirrigwarda r-rekwiżit tar-riżerva G-SII jew O-SII. |
| 0460 | **Investimenti f'obbligazzjonijiet eliġibbli subordinati ta' istituzzjonijiet oħrajn**<br><br>Il-pożizzjonijiet irrapportati f'din ir-ringiela u fir-ringieli 0470 sa 0490 għandhom jiġu ddeterminati billi jitqiesu l-prinċipji stipulati fl-Artikolu 72h tas-CRR (pożizzjonijiet twal netti, approċċ taċ-ċar kristall). |
| 0470 | **Investimenti f'obbligazzjonijiet eliġibbli subordinati ta' G-SIIs**<br><br>L-ammont ta' parteċipazzjonijiet ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli, kif imsemmi fl-Artikolu 72b(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, bl-esklużjoni tal-istrumenti skont l-Artikolu 72b(3) sa (5) ta' dak ir-Regolament, li jinħarġu mill-G-SIIs. |
| 0480 | **Investimenti f'obbligazzjonijiet eliġibbli subordinati ta' O-SIIs**<br><br>L-ammont ta' parteċipazzjonijiet ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli, kif imsemmi fl-Artikolu 72b(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li jinħarġu mill-O-SIIs.<br><br>L-investimenti f'obbligazzjonijiet eliġibbli subordinati tal-O-SIIs li fl-istess ħin huma G-SIIs ma għandhomx jiġu rrapportati f'din ir-ringiela, iżda esklussivament fir-ringiela 0470. |
| 0490 | **Investimenti f'obbligazzjonijiet eliġibbli subordinati ta' istituzzjonijiet oħrajn**<br><br>L-ammont ta' parteċipazzjonijiet ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli, kif imsemmi fl-Artikolu 72b(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li jinħarġu minn istituzzjonijiet li la huma G-SIIs u lanqas O-SIIs. |
| 0500 | **Obbligazzjonijiet esklużi**<br><br>L-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.. |

2.2. M 03.00 – MREL Intern u TLAC Interna (ILAC)

2.2.1. Rimarki ġenerali

9. Il-mudell M 03.00 jippreżenta l-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli għall-finijiet ta'

(a) ir-rekwiżit għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli ta' entitajiet li huma stess mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 45f tad-Direttiva 2014/59/UE (MREL intern); u

(b) ir-rekwiżit għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għal G-SIIs mhux tal-UE applikabbli għal sussidjarji materjali ta' G-SIIs ta' pajjiżi terzi skont l-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (TLAC interna).

10. Il-kolonna li tirreferi għall-MREL intern għandha timtela minn entitajiet li huma soġġetti għar-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikoli 45 u 45f tad-Direttiva 2014/59/UE. Huma biss dawk l-entitajiet obbligati li jikkonformaw mar-rekwiżit tal-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li għandhom jirrapportaw l-entrati li jirreferu għar-rekwiżit tal-G-SII għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli (TLAC).

2.2.2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0010 | **MREL intern**<br>L-Artikoli 45 u 45f tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| 0020 | **TLAC interna**<br>L-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0010 | **Livell ta' applikazzjoni**<br>Jekk l-entità tkun soġġetta għall-MREL intern u, fejn applikabbli, TLAC interna, fuq bażi individwali, hija għandha tindika "individwali".<br>Jekk l-entità tkun soġġetta għall-MREL intern u, fejn applikabbli, TLAC interna, fuq bażi konsolidata, hija għandha tindika "konsolidata". |
| 0100 - 0110 | **L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju u l-kejl tal-iskopertura totali** |
| 0100 | **L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju (TREA)**<br>Il-punt (a) tal-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, l-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju rrapportat f'din ir-ringiela għandu jkun l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju li huwa l-bażi għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE, rispettivament, u tal-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif applikabbli. |
| 0110 | **Kejl tal-iskopertura totali (TEM)**<br>Il-punt (b) tal-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, l-Artikoli 429(4) u 429a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Il-kejl tal-iskopertura totali rrapportat f'din ir-ringiela għandu jkun il-kejl tal-iskopertura totali li huwa l-bażi għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE, rispettivament, u tal-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif applikabbli. |
| 0200 – 0270 | **Fondi proprji eliġibbli u obbligazzjonijiet eliġibbli** |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0200 | **Fondi proprji eliġibbli u obbligazzjonijiet eliġibbli**<br>*MREL intern*<br>Is-somma tal-fondi proprji eliġibbli, l-obbligazzjonijiet eliġibbli u l-garanziji permessi li jgħoddu għall-MREL intern f'konformità mal-Artikolu 45f(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, billi jitqies ukoll, fejn applikabbli, ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 89(2) ta' dik id-Direttiva.<br>Fil-każ ta' strumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>L-ammont irrapportat f'din ir-ringiela għandu jkun l-ammont wara t-tnaqqis jew l-ekwivalenti meħtieġa f'konformità mal-metodu stabbilit fir-Regolament Delegat imsemmi fl-Artikolu 45f(6) tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>*TLAC interna*<br>Il-fondi proprji eliġibbli u l-obbligazzjonijiet eliġibbli permessi li jgħoddu għat-TLAC interna f'konformità mal-Artikolu 92b(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0210 | **Fondi proprji eliġibbli**<br>Is-somma tal-kapital CET1, il-kapital tal-Grad 1 addizzjonali eliġibbli u l-kapital tal-Grad 2 eliġibbli<br>Fil-każ tal-MREL intern, l-istrumenti msemmija fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 89(2) tad-Direttiva 2014/59/UE għandhom jiġu inklużi f'din ir-ringiela u fir-ringieli 0230 u 0240, fejn japplika dak il-paragrafu. L-istrumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz għandhom jiġu inklużi biss f'din ir-ringiela u fir-ringieli 0230 u 0240 jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 55 ta' dik id-Direttiva. |
| 0220 | **Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1)**<br>L-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0230 | **Kapital tal-Grad 1 Addizzjonali Eliġibbli**<br>L-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>*MREL intern*<br>L-istrumenti għandhom jiġu kkunsidrati biss meta jissodisfaw il-kriterji msemmija fil-punt (b)(ii) tal-Artikolu 45f(2) tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>*TLAC interna*<br>L-istrumenti għandhom jiġu kkunsidrati biss meta jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 92b(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0240 | **Kapital tal-Grad 2 Eliġibbli**<br>L-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>*MREL intern*<br>L-istrumenti għandhom jiġu kkunsidrati biss meta jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-punt (b)(ii) tal-Artikolu 45f(2) tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>*TLAC interna*<br>L-istrumenti għandhom jiġu kkunsidrati biss meta jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 92b(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0250 | **Obbligazzjonijiet u garanziji eliġibbli** |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0260 | **Obbligazzjonijiet eliġibbli (esklużi l-garanziji)**<br>*MREL intern*<br>Obbligazzjonijiet eliġibbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 45f(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, filwaqt li jqisu wkoll, fejn applikabbli, ir-raba’ subparagrafu tal-Artikolu 89(2) ta’ dik id-Direttiva.<br>Fil-każ ta’ strumenti rregolati mil-liġi ta’ pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f’din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>*TLAC interna*<br>L-ammont ta’ obbligazzjonijiet eliġibbli għandu jiġi kkalkolat f’konformità mal-Artikolu 72k tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn dawk l-obbligazzjonijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 92b(3) ta’ dak ir-Regolament. |
| 0270 | **Garanziji pprovduti mill-entità ta’ riżoluzzjoni u permessi mill-awtorità ta’ riżoluzzjoni**<br>Meta l-awtorità ta’ riżoluzzjoni tas-sussidjarja tippermetti lill-entità li tirrapporta tissodisfa r-rekwiżit tal-MREL intern bil-garanziji, għandu jiġi rrapportat l-ammont ta’ garanziji li huma pprovduti mill-entità ta’ riżoluzzjoni u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 45f(5) tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| 0280 | **Entrata fil-memorandum: Parti kollateralizzata tal-garanzija**<br>Il-parti tal-garanzija rrapportata fir-ringiela 0270 li hija kollateralizzata permezz ta’ arranġament kollaterali finanzjarju kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 45f(5) tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| 0290 | (-) **It-tnaqqis jew l-ekwivalenti**<br>It-tnaqqis jew l-ekwivalenti meħtieġa f’konformità mal-metodu stabbilit fir-Regolament Delegat imsemmi fl-Artikolu 45f(6) tad-Direttiva 2014/59/UE. Din ir-ringiela għandha timtela biss ladarba japplika r-Regolament Delegat. |
| 0400 - 0440 | **Il-proporzjonijiet ta’ fondi proprji eliġibbli u obbligazzjonijiet eliġibbli** |
| 0400 | **Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli bħala persentaġġ tat-TREA**<br>L-ammonti ta’ fondi proprji eliġibbli, obbligazzjonijiet eliġibbli u garanziji permessi tal-entità li tirrapporta li jgħoddu, rispettivament, għall-MREL intern u għat-TLAC interna, espressi bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkolat f’konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0410 | **li minnhom huma garanziji permessi**<br>L-ammont ta’ fondi proprji eliġibbli, obbligazzjonijiet eliġibbli u garanziji permessi tal-entità li tirrapporta li huma garanziji pprovduti mill-entità ta’ riżoluzzjoni u li huma rikonoxxuti mill-awtorità ta’ riżoluzzjoni f’konformità mal-Artikolu 45f(5) tad-Direttiva 2014/59/UE, li jgħodd għall-MREL intern, espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkolat f’konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0420 | **Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli bħala persentaġġ tat-TEM**<br>L-ammonti ta’ fondi proprji eliġibbli u obbligazzjonijiet eliġibbli tal-entità li tirrapporta li jgħodd, rispettivament, għall-MREL intern u għat-TLAC interna, espressi bħala persentaġġ tal-kejl totali tal-iskopertura kkalkolat f’konformità mal-Artikoli 429(4) u 429a ta’ dak ir-Regolament. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0430 | **li minnhom huma garanziji permessi**<br><br>L-ammont ta' fondi proprji eliġibbli u obbligazzjonijiet eliġibbli tal-entità li tirrapporta li huma garanziji pprovduti mill-entità ta' riżoluzzjoni u li huma rikonoxxuti mill-awtorità ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 45f(5) tad-Direttiva 2014/59/UE, li jgħodd għall-MREL intern, espress bħala persentaġġ tal-kejl tal-iskopertura totali kkalkolat f'konformità mal-Artikoli 429(4) u 429a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 0440 | **CET1 (%) disponibbli wara li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-entità**<br><br>L-ammont ta' CET1, ugwali għal żero jew pożittiv, disponibbli wara li jiġu ssodisfati kull wieħed mir-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 141a(1) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-ogħla minn:<br><br>(a) fejn applikabbli, ir-rekwiżit tat-TLAC interna skont l-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, meta kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92b(1) ta' dak ir-Regolament bħala 90 % tar-rekwiżit tal-punt (a) tal-Artikolu 92a(1) ta' dak ir-Regolament;<br><br>(b) ir-rekwiżit tal-MREL intern skont l-Artikolu 45f tad-Direttiva 2014/59/UE, meta kkalkolat f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 45(2) ta' dik id-Direttiva.<br><br>Is-CET1 disponibbli għandu jiġi espress f'persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kif irrapportat fir-ringiela 0100.<br><br>Iċ-ċifra rrapportata għandha tkun identika kemm fil-kolonni tal-MREL intern kif ukoll f'dawk tat-TLAC interna.<br><br>Din għandha tqis l-effett tad-dispożizzjonijiet tranżitorji fuq il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli, l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju u r-rekwiżiti nfushom. La l-gwida dwar il-fondi proprji addizzjonali msemmija mill-Artikolu 104b tad-Direttiva 2013/36/UE u lanqas ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata tal-punt (6) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 128 ta' dik id-Direttiva ma għandhom jiġu kkunsidrati. |
| 0500 – 0550 | **Entrati fil-memorandum** |
| 0500 | **Rekwiżit ta' riżerva kombinata (%)**<br><br>Il-punt (6) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE<br><br>Ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata għandu jiġi espress bħala persentaġġ tal-ammont totali ta' skopertura għar-riskju. |
| 0510 | **li minnhom: ir-rekwiżit ta' riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital**<br><br>L-ammont tar-riżerva kkombinata speċifika għall-istituzzjoni (espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) li jirrigwarda r-rekwiżit tar-riżerva ta' konservazzjoni tal-kapital. |
| 0520 | **li minnhom: ir-rekwiżit tar-riżerva kontroċiklika**<br><br>L-ammont tar-riżerva kkombinata speċifika għall-istituzzjoni (espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) li jirrigwarda r-rekwiżit tar-riżerva kontroċiklika. |
| 0530 | **li minnhom: ir-rekwiżit tar-riżerva għar-riskju sistemiku**<br><br>L-ammont tar-riżerva kkombinata speċifika għall-istituzzjoni (espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) li jirrigwarda r-rekwiżit tar-riżerva għar-riskju sistemiku. |
| 0540 | **li minnhom: Riżerva għal Istituzzjoni Globali Sistematikament Importanti (G-SII) jew Istituzzjoni Oħra Sistematikament Importanti (O-SII)**<br><br>L-ammont tar-riżerva kkombinata speċifika għall-istituzzjoni (espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) li jirrigwarda r-rekwiżit tar-riżerva G-SII jew O-SII. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0550 - 0600 | **Obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna**<br>Entitajiet li, fid-data tar-rapportar ta' dik l-informazzjoni, ikunu jżommu ammonti ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli ta' mill-inqas 150 % tar-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2014/59/UE għandhom jiġu eżentati mir-rapportar tal-informazzjoni fir-ringieli 0550 sa 0600. Tali entitajiet jistgħu jagħżlu li jirrapportaw dik l-informazzjoni f'dan il-mudell fuq bażi volontarja. |
| 0550 | **Obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna**<br>L-ammont ta' obbligazzjonijiet ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna, kif definit fil-punt (71) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, li mhumiex eliġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 45 u 45f ta' dik id-Direttiva. |
| 0560 | **Li minnhom huma rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz**<br>L-ammont ta' obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna li huma rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz kif imsemmi fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| 0570 | **Li minnhom fihom klawżola ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE**<br>L-ammont ta' obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna li huma rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz u li fihom klawżola ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| 0580 – 0600 | **Diżaggregazzjoni ta' obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna skont il-maturità residwa** |
| 0580 | Maturità residwa ta' < sena |
| 0590 | Maturità residwa ta' >= sena u < sentejn |
| 0600 | Maturità residwa ta' >= sentejn |
| 0610 | **Obbligazzjonijiet esklużi**<br>L-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |

2.3. M 04.00 – Struttura ta' finanzjament tal-obbligazzjonijiet eliġibbli (LIAB-MREL)

2.3.1. Rimarki ġenerali

11. Dan il-mudell jeħtieġ informazzjoni dwar l-istruttura ta' finanzjament tal-obbligazzjonijiet eliġibbli ta' entitajiet soġġetti għall-MREL. L-obbligazzjonijiet eliġibbli jiġu diżaggregati skont it-tip ta' obbligazzjoni u maturità.

12. L-entitajiet għandhom jirrapportaw biss l-obbligazzjonijiet eliġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżit Minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli stipulati fid-Direttiva 2014/59/UE (MREL/MREL intern) f'dan il-mudell.

13. Meta l-entità li tirrapporta tkun entità ta' riżoluzzjoni, l-obbligazzjonijiet eliġibbli kif definiti fil-punt (71a) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE għandhom jiġu rrapportati. Fil-każ ta' obbligazzjonijiet eliġibbli rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, għandhom jiġu inklużi biss dawk l-obbligazzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 55 ta' dik id-Direttiva.

14. Meta l-entità li tirrapporta tkun entità għajr entità ta' riżoluzzjoni, hija għandha tirrapporta l-obbligazzjonijiet eliġibbli kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 45f(2) tad-Direttiva 2014/59/UE f'dan il-mudell, filwaqt li tqis ukoll, fejn applikabbli, ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 89(2) ta' dik id-Direttiva. Fil-każ ta' strumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk ikun jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 55 ta' dik id-Direttiva.

15. Id-diżaggregazzjoni skont it-tip ta' obbligazzjoni hija bbażata fuq l-istess sett ta' tipi ta' obbligazzjoni użati fir-rapportar għall-finijiet tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1624. Ir-referenzi għal dak ir-Regolament huma pprovduti biex jiddefinixxu t-tipi differenti ta' obbligazzjonijiet.

16. Meta tkun meħtieġa diżaggregazzjoni tal-maturità, il-maturità residwa għandha tkun iż-żmien sal-maturità kuntrattwali jew, f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-Artikoli 72c(2) jew (3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-aktar data kmieni possibbli li fiha tista' tiġi eżerċitata l-opzjoni. Fil-każ ta' pagamenti interim tal-kapital, il-kapital għandu jinqasam u jiġi allokat fil-meded ta' maturità korrispondenti. Fejn applikabbli, il-maturità għandha titqies separatament kemm għall-ammont ta' kapital kif ukoll għall-imgħax dovut.

2.3.2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0100 | **OBBLIGAZZJONIJIET ELIĠIBBLI** |
| 0200 | **Depożiti, mhux koperti u mhux preferenzjali >= sena**<br>Depożiti, mhux koperti u mhux preferenzjali, kif definiti għall-finijiet tar-ringiela 0320 tal-mudell Z 02.00 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1624, li huma eliġibbli għall-finijiet tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| 0210 | **li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn** |
| 0220 | **li minnhom: maturità residwa >= sentejn** |
| 0230 | **li minnhom: maħruġa minn sussidjarji** |
| 0300 | **Obbligazzjonijiet garantiti mhux kollateralizzati >= sena**<br>Obbligazzjonijiet garantiti mhux kollateralizzati, kif definiti għall-finijiet tar-ringiela 0340 tal-mudell Z 02.00 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1624, li huma eliġibbli għall-finijiet tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| 0310 | **li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn** |
| 0320 | **li minnhom: maturità residwa >= sentejn** |
| 0330 | **li minnhom: maħruġa minn sussidjarji** |
| 0400 | **Noti strutturati >= sena**<br>Noti strutturati, kif definiti għall-finijiet tar-ringiela 0350 tal-mudell Z 02.00 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1624, li huma eliġibbli għall-finijiet tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| 0410 | **li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn** |
| 0420 | **li minnhom: maturità residwa >= sentejn** |
| 0430 | **li minnhom: maħruġa minn sussidjarji** |
| 0500 | **Obbligazzjonijiet superjuri mhux garantiti >= sena**<br>Obbligazzjonijiet superjuri mhux garantiti, kif definiti għall-finijiet tar-ringiela 0360 tal-mudell Z 02.00 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1624, li huma eliġibbli għall-finijiet tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0510 | **li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn** |
| 0520 | **li minnhom: maturità residwa >= sentejn** |
| 0530 | **li minnhom: maħruġa minn sussidjarji** |
| 0600 | **Obbligazzjonijiet superjuri mhux preferuti >= sena**<br><br>Obbligazzjonijiet superjuri mhux preferuti, kif definiti għall-finijiet tar-ringiela 0365 tal-mudell Z 02.00 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1624, li huma eliġibbli għall-finijiet tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| 0610 | **li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn** |
| 0620 | **li minnhom: maturità residwa >= sentejn** |
| 0630 | **li minnhom: maħruġa minn sussidjarji** |
| 0700 | **Obbligazzjonijiet subordinati (mhux rikonoxxuti bħala fondi proprji) >= sena**<br><br>Obbligazzjonijiet subordinati mhux garantiti, kif definiti għall-finijiet tar-ringiela 0370 tal-mudell Z 02.00 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1624, li huma eliġibbli għall-finijiet tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| 0710 | **li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn** |
| 0720 | **li minnhom: maturità residwa >= sentejn** |
| 0730 | **li minnhom: maħruġa minn sussidjarji** |
| 0800 | **Obbligazzjonijiet eliġibbli oħrajn ta' MREL >= sena**<br><br>Kwalunkwe strument ieħor li huwa eliġibbli għall-finijiet tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| 0810 | **li minnhom: maturità residwa >= sena u < sentejn** |
| 0820 | **li minnhom: maturità residwa >= sentejn** |
| 0830 | **li minnhom: maħruġa minn sussidjarji** |

3. Klassifikazzjoni tal-kredituri

17. Il-mudelli M 05.00 u M 06.00 ikopru l-klassifikazzjoni tal-obbligazzjonijiet eliġibbli fil-ġerarkija tal-kredituri. Iż-żewġ mudelli dejjem jiġu rrapportati fil-livell individwali.

18. Fil-każ ta' entitajiet li huma stess ma jkunux entitajiet ta' riżoluzzjoni, l-ammont attribwibbli għal kull grad jiġi diżaggregat aktar f'ammonti dovuti lill-entità ta' riżoluzzjoni u ammonti oħrajn mhux dovuti lill-entità ta' riżoluzzjoni, fejn applikabbli.

19. Il-klassifikazzjoni tiġi ppreżentata mill-aktar subordinata sal-aktar superjuri. Ir-ringieli għall-gradi għandhom jiżdiedu sakemm ikunu ġew irrapportati l-aktar strument eliġibbli ta' klassifikazzjoni superjuri u l-obbligazzjonijiet kollha li jikklassifikaw *pari passu* miegħu.

3.1. M 05.00 – Klassifikazzjoni tal-kredituri (entità li mhijiex entità ta' riżoluzzjoni)

3.1.1. Rimarki ġenerali

20. L-entitajiet li huma soġġetti għall-obbligu ta' konformità mar-rekwiżit tal-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jirrapportaw f'dan il-mudell il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli għall-finijiet tal-MREL intern, kif ukoll obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna. L-obbligazzjonijiet esklużi mir-rikapitalizzazzjoni interna għandhom jiġu inklużi sal-punt li jikklassifikaw *pari passu* ma' kwalunkwe strument inkluż fl-ammont ta' obbligazzjonijiet eliġibbli għall-finijiet tal-MREL intern jew subordinati għalih.

21. L-entitajiet li mhumiex soġġetti għall-obbligu ta' konformità mar-rekwiżit tal-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, iżda li huma soġġetti għall-obbligu ta' konformità mar-rekwiżit tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE f'konformità mal-Artikolu 45f ta' dik id-Direttiva, għandhom jirrapportaw f'dan il-mudell il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli għall-finijiet tal-MREL intern, kif ukoll obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna. B'deroga minn dan, l-entitajiet jistgħu jagħżlu li jirrapportaw l-istess firxa ta' fondi u l-obbligazzjonijiet proprji kif speċifikat fil-paragrafu 20 ta' hawn fuq.

22. L-entitajiet li, fid-data tar-rapportar ta' dik l-informazzjoni, ikunu jżommu ammonti ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli ta' mill-inqas 150 % tar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, għandhom jiġu eżentati mir-rapportar ta' informazzjoni dwar obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna. Tali entitajiet jistgħu jagħżlu li jirrapportaw l-informazzjoni dwar obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna f'dan il-mudell fuq bażi volontarja.

23. Il-kombinazzjoni tal-kolonni 0010 u 0020 hija identifikatur tar-ringiela li għandu jkun uniku għar-ringieli kollha fil-mudell.

3.1.2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0010 | **Grad ta' insolvenza**<br><br>Għandu jiġi rrapportat in-numru tal-grad ta' insolvenza fil-ġerarkija tal-kredituri tal-entità li tirrapporta, li jibda bl-aktar grad subordinat.<br><br>Il-grad ta' insolvenza għandu jkun wieħed mill-gradi inklużi fil-klassifikazzjonijiet tal-insolvenza ppubblikati mill-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' dik il-ġuriżdizzjoni. |
| 0020 | **Tip ta' kreditur**<br><br>It-tip ta' kreditur għandu jkun waħda minn dawn li ġejjin:<br><br>— "Entità ta' riżoluzzjoni"<br><br>Din l-entrata għandha tintgħażel biex tirrapporta l-ammonti li huma direttament jew indirettament proprjetà tal-entità ta' riżoluzzjoni permezz ta' entitajiet tul il-katina ta' sjieda, fejn applikabbli.<br><br>— "Entitajiet għajr l-entità ta' riżoluzzjoni"<br><br>Din l-entrata għandha tintgħażel biex tirrapporta l-ammonti li huma proprjetà ta' kredituri oħrajn, fejn applikabbli. |
| 0030 | **Deskrizzjoni tal-grad ta' insolvenza**<br><br>Id-deskrizzjoni inkluża fil-klassifikazzjonijiet tal-insolvenza ppubblikati mill-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' dik il-ġuriżdizzjoni, fejn tkun disponibbli lista standardizzata li tinkludi tali deskrizzjoni. Inkella, id-deskrizzjoni proprja tal-grad ta' insolvenza mill-istituzzjoni, li ssemmi mill-inqas it-tip ewlieni ta' strument fil-grad ta' insolvenza rispettiv. |
| 0040 | **Obbligazzjonijiet u fondi proprji**<br><br>Għandu jiġi rrapportat l-ammont ta' fondi proprji, ta' obbligazzjonijiet eliġibbli u, fejn applikabbli, ta' obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna li huwa allokat għall-grad ta' insolvenza indikat fil-kolonna 0010.<br><br>Fejn applikabbli, din il-kolonna għandha tinkludi wkoll obbligazzjonijiet esklużi mir-rikapitalizzazzjoni interna sal-punt li huma jikklassifikaw inqas minn jew *pari passu* mal-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli.<br><br>Fil-każ tal-entitajiet imsemmija fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 21, din il-kolonna għandha titħalla vojta, sakemm dawk l-entitajiet ma jagħżlux li japplikaw id-deroga tal-aħħar sentenza tal-paragrafu 21. |

| Kolonni | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0050 | **Li minnhom huma obbligazzjonijiet esklużi**<br>L-ammont ta' obbligazzjonijiet esklużi f'konformità mal-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew mal-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2014/59/UE. Meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun iddeċidiet li teskludi l-obbligazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 44(3) ta' dik id-Direttiva, dawk l-obbligazzjonijiet esklużi għandhom jiġu rrapportati f'din ir-ringiela wkoll.<br>Fil-każ tal-entitajiet imsemmija fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 21, din il-kolonna għandha titħalla vojta, sakemm dawk l-entitajiet ma jagħżlux li japplikaw id-deroga tal-aħħar sentenza tal-paragrafu 21. |
| 0060 | **Obbligazzjonijiet u fondi proprji wara li jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet esklużi**<br>Għandu jiġi rrapportat l-ammont ta' obbligazzjonijiet u fondi proprji, kif irrapportat fil-kolonna 0040, imnaqqas bl-ammont ta' obbligazzjonijiet esklużi rrapportat fil-kolonna 0050. |
| 0070 | **li minnhom: fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għall-fini tal-MREL intern**<br>L-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li jgħoddu għall-MREL intern f'konformità mal-Artikolu 45f(2) tad-Direttiva 2014/59/UE għandu jiġi rrapportat. |
| 0080 – 0110 | **li minnhom: b'maturità residwa ta'**<br>L-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li jgħoddu għall-MREL intern, kif irrapportat fil-kolonna 0070, għandu jiġi diżaggregat skont il-maturità residwa tal-istrumenti u l-entrati differenti. L-istrumenti u l-entrati ta' natura perpetwa ma għandhomx jitqiesu f'din id-diżaggregazzjoni, iżda għandhom jiġu rrapportati separatament fil-kolonna 0120. |
| 0080 | **≥ sena < sentejn** |
| 0090 | **≥ sentejn < 5 snin** |
| 0100 | **≥ 5 snin < 10 snin** |
| 0110 | **≥ 10 snin** |
| 0120 | **Li minnhom: titoli perpetwi** |

3.2. M 06.00 – Klassifikazzjoni tal-kredituri (awtorità ta' riżoluzzjoni) (GRAD)

3.2.1. Rimarki ġenerali

24. L-entitajiet li huma soġġetti għall-obbligu ta' konformità mar-rekwiżit tal-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jirrapportaw f'dan il-mudell il-fondi proprji, l-obbligazzjonijiet eliġibbli għall-finijiet tal-MREL u obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna. L-obbligazzjonijiet esklużi mir-rikapitalizzazzjoni interna għandhom jiġu inklużi sal-punt li jikklassifikaw *pari passu* ma', jew ikunu subordinati għal, kwalunkwe strument inkluż fl-ammont ta' obbligazzjonijiet eliġibbli għall-finijiet tal-MREL.

25. L-entitajiet li mhumiex soġġetti għall-obbligu ta' konformità mar-rekwiżit tal-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, iżda li huma soġġetti għall-obbligu ta' konformità mar-rekwiżit tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE f'konformità mal-Artikolu 45e ta' dik id-Direttiva, għandhom jirrapportaw f'dan il-mudell il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli għall-finijiet tal-MREL, kif ukoll obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna. Dawn l-entitajiet jistgħu jagħżlu li jirrapportaw l-istess kamp ta' applikazzjoni tal-fondi u l-obbligazzjonijiet proprji kif speċifikat fil-paragrafu 24 ta' hawn fuq.

26. L-entitajiet li, fid-data tar-rapportar ta' dik l-informazzjoni, iżommu ammonti ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli ta' mill-inqas 150 % tar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, għandhom jiġu eżentati mir-rapportar ta' informazzjoni dwar obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna. Tali entitajiet jistgħu jagħżlu li jirrapportaw l-informazzjoni dwar obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna f'dan il-mudell fuq bażi volontarja.

3.2.2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0010 | **Grad ta' insolvenza**<br>Ara l-istruzzjonijiet fil-kolonna 0010 tal-mudell M 05.00<br>Din il-kolonna hija identifikatur tar-ringiela li għandu jkun uniku għar-ringieli kollha fil-mudell. |
| 0020 | **Deskrizzjoni tal-grad ta' insolvenza**<br>Ara l-istruzzjonijiet fil-kolonna 0030 tal-mudell M 05.00 |
| 0030 | **Obbligazzjonijiet u fondi proprji**<br>Għandu jiġi rrapportat l-ammont ta' fondi proprji, ta' obbligazzjonijiet eliġibbli u, fejn applikabbli, ta' obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna li huwa allokat għall-grad ta' insolvenza indikat fil-kolonna 0010.<br>Fejn applikabbli, din il-kolonna għandha tinkludi wkoll obbligazzjonijiet esklużi mir-rikapitalizzazzjoni interna sal-punt li jikklassifikaw inqas minn jew *pari passu* mal-obbligazzjonijiet eliġibbli.<br>Fil-każ tal-entitajiet imsemmija fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 25, din il-kolonna għandha titħalla vojta, sakemm dawk l-entitajiet ma jagħżlux li japplikaw id-deroga tal-aħħar sentenza tal-paragrafu 25. |
| 0040 | **Li minnhom huma obbligazzjonijiet esklużi**<br>L-ammont ta' obbligazzjonijiet esklużi skont l-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew mal-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>Fil-każ tal-entitajiet imsemmija fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 25, din il-kolonna għandha titħalla vojta, sakemm dawk l-entitajiet ma jagħżlux li japplikaw id-deroga tat-tieni sentenza tal-paragrafu 25. |
| 0050 | **Obbligazzjonijiet u fondi proprji wara li jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet esklużi**<br>Għandu jiġi rrapportat l-ammont ta' obbligazzjonijiet u fondi proprji, kif irrapportat fil-kolonna 0030, imnaqqas bl-ammont ta' obbligazzjonijiet esklużi rrapportat fil-kolonna 0040. |
| 0060 | **li minnhom: fondi proprji u obbligazzjonijiet potenzjalment eliġibbli biex jissodisfaw l-MREL**<br>L-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għall-fini tal-issodisfar tar-rekwiżiti tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE f'konformità mal-Artikolu 45e ta' dik id-Direttiva. |
| 0070 – 0100 | **li minnhom: b'maturità residwa ta'**<br>L-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għall-fini tal-issodisfar tar-rekwiżit tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE f'konformità mal-Artikolu 45e ta' dik id-Direttiva, kif irrapportat fil-kolonna 0060, għandu jiġi diżaggregat skont il-maturità residwa tal-istrumenti u l-entrati differenti. L-istrumenti u l-entrati ta' natura perpetwa ma għandhomx jitqiesu f'din id-diżaggregazzjoni, iżda għandhom jiġu rrapportati separatament fil-kolonna 0110. |
| 0070 | **≥ sena < sentejn** |
| 0080 | **≥ sentejn < 5 snin** |
| 0090 | **≥ 5 snin < 10 snin** |
| 0100 | **≥ 10 snin** |
| 0110 | **Li minnhom: titoli perpetwi** |

4. M 07.00 – Strumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz (MTCI)

4.1. Rimarki ġenerali

27. Il-mudell M 07.00 jipprovdi diżaggregazzjoni kuntratt b'kuntratt tal-istrumenti li jikkwalifikaw bħala fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għall-finijiet tal-MREL. Huma biss l-istrumenti li huma rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz li għandhom jiġu rrapportati fil-mudell.

28. B'rabta mal-obbligazzjonijiet eliġibbli li mhumiex subordinati għall-obbligazzjonijiet esklużi, l-entitajiet għandhom jirrapportaw biss titoli li huma strumenti finanzjarji funġibbli u negozjabbli, bl-esklużjoni ta' self u depożiti.

29. Fil-każ ta' strumenti li jikkwalifikaw parzjalment għal żewġ klassijiet differenti ta' fondi proprji jew obbligazzjonijiet eliġibbli, l-istrument għandu jiġi rrapportat darbtejn biex ikun jirrifletti l-ammonti allokati għall-klassijiet differenti ta' kapital separatament.

30. Il-kombinazzjoni tal-kolonni 0020 (Kodiċi tal-entità emittenti), 0040 (Identifikatur tal-kuntratt) u 0070 (Tip ta' fondi proprji jew obbligazzjonijiet eliġibbli) tikkostitwixxi identifikatur tar-ringiela, li jrid ikun uniku għal kull ringiela rrapportata fil-mudell.

4.2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi

| Kolonni | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0010 - 0030 | **Entità emittenti**<br>Meta l-informazzjoni tiġi rrapportata b'referenza għal grupp ta' riżoluzzjoni, għandha tiġi indikata l-entità tal-grupp li jkun ħareġ l-istrument rispettiv. Meta l-informazzjoni tiġi rrapportata, b'referenza għal entità ta' riżoluzzjoni waħda, l-entità emittenti għandha tkun l-entità li tirrapporta nnifisha. |
| 0010 | **Isem**<br>Isem l-entità li ħarġet l-istrument ta' fondi proprji jew l-istrument ta' obbligazzjoni eliġibbli |
| 0020 | **Il-kodiċi**<br>Kodiċi tal-entità li ħarġet l-istrument ta' fondi proprji jew l-istrument ta' obbligazzjonijiet eliġibbli.<br>Il-kodiċi bħala parti minn identifikatur tar-ringiela jrid ikun uniku għal kull entità rrapportata. Għall-istituzzjonijiet, il-kodiċi għandu jkun il-kodiċi LEI. Għal entitajiet oħrajn, il-kodiċi għandu jkun il-kodiċi LEI jew, jekk ma jkunx disponibbli, kodiċi nazzjonali. Il-kodiċi għandu jkun uniku u jintuża b'mod konsistenti fil-mudelli kollha u matul iż-żmien. Il-kodiċi għandu dejjem ikollu valur. |
| 0030 | **Tip ta' kodiċi**<br>L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw it-tip ta' kodiċi rrapportat fil-kolonna 0020 bħala "Kodiċi LEI" jew "Kodiċi mhux LEI". It-tip ta' kodiċi għandu dejjem jiġi rrapportat. |
| 0040 | **Identifikatur tal-kuntratt**<br>Għandu jiġi rrapportat l-identifikatur tal-kuntratt tal-istrument, bħall-identifikatur CUSIP, ISIN jew Bloomberg għal pjazzament privat.<br>Din l-entrata hija parti mill-identifikatur tar-ringiela. |
| 0050 | **Il-liġi regolatorja (pajjiż terz)**<br>Għandu jiġi indikat il-pajjiż terz (pajjiżi għajr il-pajjiżi taż-ŻEE) li l-liġi tiegħu tirregola l-kuntratt, jew partijiet mill-kuntratt. |
| 0060 | **Ir-rikonoxximent kuntrattwali tas-setgħat ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni**<br>Għandu jiġi indikat jekk il-kuntratt fihx it-termini kuntrattwali msemmija fl-Artikolu 55(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, il-punti (p) u (q) tal-Artikolu 52(1) u l-punti (n) u (o) tal-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |

| Kolonni | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 0070 - 0080 | **Trattament Regolatorju** |
| 0070 | **Tip ta' fondi proprji jew obbligazzjonijiet eliġibbli**<br>Tip ta' fondi proprji jew obbligazzjonijiet eliġibbli, kif l-istrument jikkwalifika fid-data ta' referenza. Għandhom jiġu kkunsidrati dispożizzjonijiet tranżitorji dwar l-eliġibbiltà tal-istrumenti. L-istrumenti li jikkwalifikaw għal klassijiet ta' kapital multipli għandhom jiġu rrapportati darba għal kull klassi ta' kapital applikabbli.<br>It-tip ta' fondi proprji jew obbligazzjonijiet eliġibbli għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin:<br>— CET1<br>— Grad 1 addizzjonali<br>— Grad 2<br>— Obbligazzjonijiet eliġibbli |
| 0080 | **Tip ta' strument**<br>It-tip ta' strument li għandu jiġi speċifikat jiddependi mil-liġi regolatorja li taħtha jinħareġ.<br>Fil-każ ta' strumenti CET1, it-tip ta' strument għandu jintgħażel mil-lista ta' strumenti CET1 ippubblikata mill-EBA skont l-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Fil-każ ta' fondi proprji għajr CET1, u obbligazzjonijiet eliġibbli, it-tip ta' strument għandu jintgħażel minn lista ta' strumenti korrispondenti ppubblikati mill-EBA, mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, meta tali lista tkun disponibbli. Meta ma tkun disponibbli l-ebda lista, l-entità li tirrapporta għandha tispeċifika t-tip ta' strumenti hija stess. |
| 0090 | **Ammont**<br>L-ammont rikonoxxut f'fondi proprji jew obbligazzjonijiet eliġibbli għandu jiġi rrapportat wara li jiġi kkunsidrat il-livell li għalih jirreferi r-rapport, fil-każ ta' strumenti inklużi f'livelli multipli. L-ammont għandu jkun l-ammont rilevanti fid-data ta' referenza, filwaqt li jitqies l-effett tad-dispożizzjonijiet tranżitorji. |
| 13 | **Obbligazzjonijiet eliġibbli li mhumiex subordinati għal obbligazzjonijiet esklużi (mhux soġġetti għal anterjorità qabel il-limitu massimu)**<br><br>*MREL*<br><br>L-obbligazzjonijiet li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 45b tad-Direttiva 2014/59/UE u li mhumiex kompletament subordinati għal pretensjonijiet li jirriżultaw mill-obbligazzjonijiet esklużi msemmija fl-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br><br>Fil-każ tal-istrumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE.<br><br>*TLAC*<br><br>L-obbligazzjonijiet eliġibbli li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ħlief għall-punt (d) tal-Artikolu 72b(2) ta' dak ir-Regolament, u li jistgħu jkunu permessi li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 72b(3) ta' dak ir-Regolament jew li huma permessi li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 72b(4) ta' dak ir-Regolament.<br><br>Fejn japplika l-Artikolu 72b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew l-Artikolu 494(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-ammont sħiħ mingħajr applikazzjoni tal-limitu massimu ta' 3,5 % u 2,5 % rispettivament għandu jiġi divulgat f'din ir-ringiela.<br><br>Din ir-ringiela ma għandha tinkludi l-ebda ammont rikonoxxibbli fuq bażi tranżitorja f'konformità mal-Artikolu 494b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| EU-13a | **Obbligazzjonijiet eliġibbli li mhumiex subordinati għall-obbligazzjonijiet esklużi maħruġa qabel is-27 ta' Ġunju 2019 (qabel il-limitu massimu)**<br>*MREL*<br>L-obbligazzjonijiet eliġibbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>— ikunu nħarġu qabel is-27 ta' Ġunju 2019;<br>— ikunu konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 45b tad-Direttiva 2014/59/UE u ma jkunux kompletament subordinati għal pretensjonijiet li jirriżultaw mill-obbligazzjonijiet esklużi msemmija fl-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;<br>— jikkwalifikaw bħala obbligazzjonijiet eliġibbli bħala riżultat tal-anterjorità stabbilita fl-Artikolu 494b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Fil-każ tal-istrumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>*TLAC*<br>L-obbligazzjonijiet eliġibbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>— ikunu nħarġu qabel is-27 ta' Ġunju 2019;<br>— ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ħlief għall-punt (d) tal-Artikolu 72b(2) ta' dak ir-Regolament, u li jistgħu jkunu permessi li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 72b(3) ta' dak ir-Regolament jew li huma permessi li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 72b(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;<br>— jikkwalifikaw bħala obbligazzjonijiet eliġibbli bħala riżultat tal-anterjorità stabbilita fl-Artikolu 494b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Fejn japplika l-Artikolu 72b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew l-Artikolu 494(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 l-ammont sħiħ mingħajr applikazzjoni tal-limitu massimu ta' 3,5 % u 2,5 % rispettivament għandu jiġi rraportat f'din ir-ringiela. |
| 14 | **L-ammont ta' strumenti mhux subordinati tal-obbligazzjonijiet eliġibbli, fejn applikabbli wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 72b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013**<br>*MREL*<br>Din ir-ringiela għandha tkun daqs ir-ringiela 13 flimkien mar-ringiela EU-13a.<br>*TLAC*<br>Meta jiġi applikat l-Artikolu 72b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, din ir-ringiela turi s-somma tal-ammonti divulgati fir-ringieli 13 u 13a hawn fuq wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 72b(3) u tal-Artikolu 494(2) ta' dak ir-Regolament, rispettivament.<br>Meta l-Artikolu 72b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ma jiġix applikat, iżda l-entità tibbenefika mill-applikazzjoni tal-Artikolu 72b(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, din ir-ringiela għandha tkun daqs ir-ringieli 13 flimkien mar-ringiela EU-13a. |
| 17 | **Entrati ta' obbligazzjonijiet eliġibbli qabel l-aġġustamenti**<br>L-entrati ta' obbligazzjonijiet eliġibbli qabel l-aġġustamenti. Għandhom jiġu kkalkolati bħala r-ringiela 12 flimkien mar-ringiela EU-12a flimkien mar-ringiela EU-12b flimkien mar-ringiela EU-12c flimkien mar-ringiela 14. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| EU-17a | **Entrati ta' obbligazzjonijiet eliġibbli qabel l-aġġustamenti - Li minnhom entrati ta' obbligazzjonijiet subordinati**<br><br>*MREL*<br><br>L-obbligazzjonijiet eliġibbli inklużi fl-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 45b tad-Direttiva 2014/59/UE li huma strumenti eliġibbli subordinati kif definiti fil-punt (71b) tal-Artikolu 2(1) ta' dik id-Direttiva, u l-obbligazzjonijiet maħruġa minn sussidjarji li huma inklużi fl-MREL f'konformità mal-Artikolu 45b(3) ta' dik id-Direttiva.<br><br>Fil-każ tal-istrumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE.<br><br>*TLAC*<br><br>L-obbligazzjonijiet eliġibbli li jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, bl-esklużjoni tal-obbligazzjonijiet permessi li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 72b(3) jew (4) ta' dak ir-Regolament.<br><br>Din ir-ringiela għandha tinkludi l-obbligazzjonijiet subordinati li huma eliġibbli bħala riżultat tal-anterjorità f'konformità mal-Artikolu 494b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-porzjon ammortizzat tal-istrumenti tal-Grad 2, fejn il-maturità li jifdal tkun akbar minn sena (il-punt (b) tal-Artikolu 72a(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013).<br><br>Għandhom jiġu kkalkolati bħala r-ringiela 12 flimkien mar-ringiela EU-12a flimkien mar-ringiela EU-12b flimkien mar-ringiela EU-12c. |
| 18 | **Entrati ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli qabel l-aġġustamenti**<br><br>L-entrati ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli qabel l-aġġustamenti. Għandhom jiġu kkalkolati bħala r-ringiela 11 flimkien mar-ringiela 17. |
| 19 | **(Tnaqqis ta' skoperturi bejn gruppi ta' riżoluzzjoni b'punt ta' dħul multiplu (multiple point of entry, "MPE"))**<br><br>Ammont negattiv<br><br>It-tnaqqis tal-iskoperturi bejn il-gruppi ta' riżoluzzjoni G-SII tal-MPE, li jikkorrespondu ma' parteċipazzjonijiet diretti, indiretti jew sintetiċi ta' strumenti ta' fondi proprji jew strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli ta' sussidjarja waħda jew aktar li ma jappartjenux għall-istess grupp ta' riżoluzzjoni bħall-entità ta' riżoluzzjoni, f'konformità mal-Artikolu 72e(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 20 | **(Tnaqqis tal-investimenti fi strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli oħrajn)**<br><br>Ammont negattiv<br><br>It-tnaqqis tal-investimenti fi strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli oħrajn f'konformità mal-Artikoli 72e(1) sa (3), 72f, 72 g,72h, 72i u 72j tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-ammont li għandu jitnaqqas mill-entrati ta' obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 5a tat-Titolu I tal-Parti Tnejn tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| 22 | **Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli wara l-aġġustamenti**<br><br>Il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli kif definiti fl-Artikolu 72 l tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Għandhom jiġu kkalkolati bħala r-ringiela 18 flimkien mar-ringiela 19 flimkien mar-ringiela 20. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| | *MREL*<br><br>L-ammont ta’ fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li jingħaddu lejn l-MREL għandu jiġi divulgat bħala s-somma ta’:<br><br>(i) il-fondi proprji kif stabbiliti fil-punt (118) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013,<br><br>(ii) l-obbligazzjonijiet eliġibbli kif definiti fil-punt (71a) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE.<br><br>Fil-każ tal-istrumenti rregolati mil-liġi ta’ pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f’din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE.<br><br>*TLAC*<br><br>L-ammont ta’ fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li jgħoddu għat-TLAC għandu jkun l-ammont imsemmi fl-Artikolu 72 l tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li jikkonsisti fi:<br><br>(i) il-fondi proprji kif stabbiliti fil-punt (118) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013,<br><br>(ii) l-obbligazzjonijiet eliġibbli msemmija fl-Artikolu 72k tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| EU-22a | **Li minnhom fondi proprji u obbligazzjonijiet subordinati**<br><br>Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli inklużi fl-ammont ta’ fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 45b tad-Direttiva 2014/59/UE li huma strumenti eliġibbli subordinati kif definiti fil-punt (71b) tal-Artikolu 2(1) ta’ dik id-Direttiva, u obbligazzjonijiet inklużi fl-ammont ta’ fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 45b(3) tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| 23 | **L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju (TREA)**<br><br>L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju tal-grupp ta’ riżoluzzjoni f’konformità mal-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br><br>L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju divulgat f’din ir-ringiela għandu jkun l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju li huwa l-bażi għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE jew l-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif applikabbli. |
| 24 | **Il-kejl tal-iskopertura totali (TEM)**<br><br>Skont il-punt (b) tal-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, il-kejl tal-iskopertura totali kkalkolat f’konformità mal-Artikolu 429(4) u l-Artikolu 429a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br><br>Il-kejl tal-iskopertura totali rrapportat f’din ir-ringiela għandu jkun il-kejl tal-iskopertura totali, li huwa l-bażi għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE jew l-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif applikabbli. |
| 25 | **Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli bħala persentaġġ tat-TREA**<br><br>Għall-fini ta’ din ir-ringiela, f’konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2014/59/UE u l-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-ammont ta’ fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li jgħoddu għall-MREL jew it-TLAC, kif applikabbli, għandu jkun espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkolat f’konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br><br>Għandu jiġi kkalkolat bħala r-ringiela 22 diviża bir-ringiela 23. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| EU-25a | **Li minnhom fondi proprji u obbligazzjonijiet subordinati**<br><br>Għall-fini ta' din ir-ringiela, l-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli subordinati li jgħoddu għall-MREL għandu jiġi espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br><br>Għandu jiġi kkalkolat bħala r-ringiela 22a diviża bir-ringiela 23. |
| 26 | **Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli bħala persentaġġ tat-TEM**<br><br>Għall-fini ta' din ir-ringiela, f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2014/59/UE u l-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li jingħaddu lejn l-MREL jew it-TLAC, kif applikabbli, għandu jiġi espress bħala persentaġġ tal-kejl tal-iskopertura totali kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 429(4) u l-Artikolu 429a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br><br>Għandu jiġi kkalkolat bħala r-ringiela 22 diviża bir-ringiela 24. |
| EU-26a | **Li minnhom fondi proprji u obbligazzjonijiet subordinati**<br><br>Għall-fini ta' din ir-ringiela, l-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli subordinati li jgħoddu għall-MREL għandu jiġi espress bħala persentaġġ tal-kejl tal-iskopertura totali kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 429(4) u l-Artikolu 429a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br><br>Għandu jiġi kkalkolat bħala r-ringiela 22a diviża bir-ringiela 24. |
| 27 | **Is-CET1 (bħala persentaġġ tat-TREA) disponibbli wara li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-grupp ta' riżoluzzjoni**<br><br>L-ammont ta' CET1, bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju, ugwali għal żero jew pożittiv, disponibbli wara li jiġu ssodisfati kull wieħed mir-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 141a(1) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-ogħla minn:<br><br>(a) fejn applikabbli, ir-rekwiżit tal-G-SII għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli stipulat fl-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, meta kkalkolat f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu (1) ta' dak l-Artikolu u<br><br>(b) ir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli stipulat fl-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE, meta kkalkolat f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu (2) ta' dak l-Artikolu.<br><br>Iċ-ċifra divulgata għandha tkun identika kemm fil-kolonni tal-MREL kif ukoll f'dawk tat-TLAC.<br><br>Hija għandha tqis l-effett tad-dispożizzjonijiet tranżitorji fuq il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli, l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju u r-rekwiżiti nfushom. La l-gwida dwar il-fondi proprji addizzjonali msemmija fl-Artikolu 104b tad-Direttiva 2013/36/UE u lanqas ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata tal-punt (6) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 128 ta' dik id-Direttiva ma għandhom jiġu kkunsidrati. |
| 28 | **Ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata speċifiku għall-istituzzjoni**<br><br>Ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata speċifiku għall-istituzzjoni definit fil-punt (6) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE, espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju, applikabbli għall-grupp ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-punt (6) tal-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu. |
| 29 | **Ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata speċifiku għall-istituzzjoni - Li minnu rekwiżit ta' riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital**<br><br>L-ammont tar-riżerva kombinata speċifika għall-istituzzjoni (espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) li tirrigwarda r-rekwiżit ta' riżerva ta' konservazzjoni tal-kapital. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 30 | **Ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata speċifiku għall-istituzzjoni - Li minnu rekwiżit ta' riżerva kontroċiklika**<br><br>L-ammont tar-riżerva kombinata speċifika għall-istituzzjoni (espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) li tirrigwarda r-rekwiżit ta' riżerva kontroċiklika. |
| 31 | **Ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata speċifiku għall-istituzzjoni - Li minnu rekwiżit ta' riżerva għar-riskju sistemiku**<br><br>L-ammont tar-riżerva kombinata speċifika għall-istituzzjoni (espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) li tirrigwarda r-rekwiżit ta' riżerva għar-riskju sistemiku. |
| EU-31a | **Ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata speċifiku għall-istituzzjoni - Li minnu riżerva għal Istituzzjoni Globali Sistematikament Importanti (G-SII) jew Istituzzjoni Oħra Sistematikament Importanti (O-SII)**<br><br>L-ammont tar-riżerva kombinata speċifika għall-istituzzjoni (espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) li tirrigwarda r-rekwiżit ta' riżerva G-SII jew O-SII. |
| EU-32 | **L-ammont totali tal-obbligazzjonijiet esklużi msemmija fl-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013** |

4. EU iLAC: Kapaċità interna ta' assorbiment tat-telf: MREL intern u, fejn applikabbli, rekwiżit għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għal G-SIIs mhux tal-UE (TLAC interna)

   7. Dan il-mudell jiddivulga l-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-entitajiet li huma stess mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni għall-finijiet tar-rekwiżit għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli stipulat fl-Artikolu 45f tad-Direttiva 2014/59/UE (MREL intern), kif ukoll ir-rekwiżit għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli għal G-SIIs mhux tal-UE applikabbli għal sussidjarji materjali ta' G-SIIs ta' pajjiżi terzi stipulati fl-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (TLAC interna).

| Kolonni | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| a | L-entitajiet għandhom jiddivulgaw f'din il-kolonna l-informazzjoni rilevanti dwar l-MREL intern f'konformità mal-Artikoli 45 u 45f tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| b | L-entitajiet li huma sussidjarji materjali ta' G-SIIs mhux tal-UE skont l-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jiddivulgaw f'din il-kolonna l-informazzjoni rilevanti dwar it-TLAC interna f'konformità mal-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| c | Informazzjoni kwalitattiva relatata mar-rekwiżit applikabbli u l-livell ta' applikazzjoni. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| EU-1 | **L-entità hija soġġetta għal rekwiżit ta' G-SII mhux tal-UE għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli? (IVA/LE)**<br><br>Jekk l-entità hijiex soġġetta għal rekwiżit ta' TLAC interna skont l-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| EU-2 | **Jekk EU-1 tiġi mwieġba b'"Iva", ir-rekwiżit huwa applikabbli fuq bażi konsolidata jew individwali? (K/I)**<br>Jekk l-entità hijiex soġġetta għar-rekwiżit tat-TLAC interna fuq bażi konsolidata jew individwali, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Meta r-rekwiżit ikun fuq bażi konsolidata, dan il-mudell kollu għandu jimtela fuq bażi konsolidata. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, dan il-mudell għandu jimtela fuq bażi individwali. |
| EU-2a | **L-entità hija soġġetta għal MREL intern? (IVA/LE)**<br>Jekk l-entità hijiex soġġetta għal MREL skont l-Artikolu 45 u l-Artikolu 45f tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| EU-2b | **Jekk EU-2a tiġi mwieġba b'"Iva", ir-rekwiżit huwa applikabbli fuq bażi konsolidata jew individwali? (K/I)**<br>Jekk l-entità hijiex soġġetta għal MREL intern fuq bażi konsolidata jew individwali.<br>Meta r-rekwiżit ikun fuq bażi konsolidata, dan il-mudell kollu għandu jimtela fuq bażi konsolidata. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, dan il-mudell għandu jimtela fuq bażi individwali. |
| EU-3 | **Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1)**<br>L-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>Kapital CET1, fuq bażi individwali jew konsolidata, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. |
| EU-4 | **Kapital tal-Grad 1 Addizzjonali Eliġibbli**<br>L-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>L-istrumenti tal-Grad 1 addizzjonaligħandhom jiġu kkunsidrati biss meta jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fil-punt (b)(ii) tal-Artikolu 45f(2) tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>Fil-każ ta' MREL intern, l-istrumenti msemmija fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 89(2) tad-Direttiva 2014/59/UE għandhom jiġu inklużi meta japplika dak il-paragrafu. L-istrumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz għandhom jiġu inklużi biss jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| EU-5 | **Kapital tal-Grad 2 eliġibbli**<br>L-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>L-istrumenti tal-Grad 2 għandhom jiġu kkunsidrati biss meta jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fil-punt (b)(ii) tal-Artikolu 45f(2) tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>Fil-każ ta' MREL intern, l-istrumenti msemmija fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 89(2) tad-Direttiva 2014/59/UE għandhom jiġu inklużi meta japplika dak il-paragrafu. L-istrumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz għandhom jiġu inklużi biss jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| EU-6 | **Fondi proprji eliġibbli**<br>Is-somma ta' kapital CET1, kapital tal-Grad 1 Addizzjonali eliġibbli u kapital tal-Grad 2 eliġibbli. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| EU-7 | **Obbligazzjonijiet eliġibbli**<br>*MREL intern*<br>L-obbligazzjonijiet eliġibbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 45f(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, billi jitqies ukoll, fejn applikabbli, ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 89(2) ta' dik id-Direttiva.<br>Fil-każ tal-istrumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>Meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarja tippermetti lill-entità tissodisfa l-MREL intern b'garanziji, l-ammont ta' garanziji li jiġu pprovduti mill-entità ta' riżoluzzjoni u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 45f(5) tad-Direttiva 2014/59/UE għandhom jiġu inklużi f'din ir-ringiela wkoll.<br>*TLAC interna*<br>L-ammont ta' obbligazzjonijiet eliġibbli għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 72k tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, meta dawk l-obbligazzjonijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 92b(2) ta' dak ir-Regolament. |
| EU-8 | **Obbligazzjonijiet eliġibbli - li minnhom garanziji permessi**<br>Meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarja tippermetti lill-entità tissodisfa l-MREL intern b'garanziji, l-ammont ta' garanziji li jiġu pprovduti mill-entità ta' riżoluzzjoni u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 45f(5) tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| EU-9a | **(Aġġustamenti)**<br>Ammont negattiv<br>It-tnaqqis jew l-ekwivalenti meħtieġ f'konformità mal-metodu stabbilit fir-Regolament Delegat imsemmi fl-Artikolu 45f(6) tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| EU-9b | **Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli wara l-aġġustamenti**<br>*MREL intern*<br>L-ammonti ta' fondi proprji eliġibbli u obbligazzjonijiet eliġibbli tal-entità, netti mill-aġġustamenti, li jgħoddu għall-MREL intern kif stabbilit fl-Artikolu 45f(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, billi jitqies ukoll, fejn applikabbli, ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 89(2) ta' dik id-Direttiva. Fil-każ tal-istrumenti rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-istrument għandu jiġi inkluż biss f'din ir-ringiela jekk jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>Li għandhom jiġu kkalkolati bħala r-ringiela EU-6 flimkien mar-ringiela EU-7 flimkien mar-ringiela EU-9a.<br>*TLAC interna*<br>Il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli li jgħoddu għar-rekwiżit għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għal G-SIIs mhux tal-UE kif stabbilit fl-Artikolu 92b(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Li għandhom jiġu kkalkolati bħala r-ringiela EU-6 flimkien mar-ringiela EU-7. |
| EU-10 | **L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju (TREA)**<br>L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju tal-entità individwali jew tal-grupp konsolidat li fil-livell tiegħu ġew stabbiliti r-rekwiżiti, kif applikabbli, f'konformità mal-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju rrapportat f'din ir-ringiela għandu jkun l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju li huwa l-bażi għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE jew l-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif applikabbli. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| EU-11 | **Il-kejl tal-iskopertura totali (TEM)**<br>Il-kejl tal-iskopertura totali (id-denominatur tal-proporzjon tal-ingranaġġ, tal-entità individwali jew tal-grupp konsolidat li fil-livell tiegħu ġew stabbiliti r-rekwiżiti, kif applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 429(4) u l-Artikolu 429a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.<br>Il-kejl tal-iskopertura totali rrapportat f'din ir-ringiela għandu jkun il-kejl tal-iskopertura totali li huwa l-bażi għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE jew l-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif applikabbli. |
| EU-12 | **Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli bħala persentaġġ tat-TREA**<br>Il-proporzjon tal-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli, bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju.<br>Għandu jiġi kkalkolat bħala r-ringiela EU-9b diviża bir-ringiela EU-10. |
| EU-13 | **Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli bħala persentaġġ tat-TREA - li minnhom garanziji permessi**<br>Meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarja tippermetti lill-entità tissodisfa l-MREL intern b'garanziji, l-ammont ta' garanziji li jiġu pprovduti mill-entità ta' riżoluzzjoni u li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 45f(5) tad-Direttiva 2014/59/UE, bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju.<br>Li għandhom jiġu kkalkolati bħala r-ringiela EU-8 diviża bir-ringiela EU-10. |
| EU-14 | **Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli bħala persentaġġ tat-TEM**<br>Il-proporzjon ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, bħala persentaġġ tal-kejl tal-iskopertura totali.<br>Għandu jiġi kkalkolat bħala r-ringiela EU-9b diviża bir-ringiela EU-11. |
| EU-15 | **Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli bħala persentaġġ tat-TEM - li minnhom garanziji permessi**<br>Meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarja tippermetti lill-entità tissodisfa l-MREL intern b'garanziji, l-ammont ta' garanziji li jiġu pprovduti mill-entità ta' riżoluzzjoni u li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 45f(5) tad-Direttiva 2014/59/UE, bħala persentaġġ tal-kejl tal-iskopertura totali.<br>Għandhom jiġu kkalkolati bħala r-ringiela EU-8 diviża bir-ringiela EU-11. |
| EU-16 | **Is-CET1 (bħala persentaġġ tat-TREA) disponibbli wara li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-entità**<br>L-ammont ta' CET1, ugwali għal żero jew pożittiv, disponibbli wara li jiġu ssodisfati kull wieħed mir-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 141a(1) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-ogħla minn:<br>(a) fejn applikabbli, ir-rekwiżit G-SII mhux tal-UE għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 meta kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92b(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bħala 90 % tar-rekwiżit tal-punt (a) tal-Artikolu 92a(1) ta' dak ir-Regolament u<br>(b) ir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 45f tad-Direttiva 2014/59/UE, meta kkalkolat f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 45(2) ta' dik id-Direttiva.<br>Iċ-ċifra divulgata għandha tkun identika kemm fil-kolonni tal-MREL kif ukoll f'dawk tat-TLAC.<br>Hija għandha tqis l-effett tad-dispożizzjonijiet tranżitorji fuq il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli, l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju u r-rekwiżiti nfushom. La l-gwida dwar il-fondi proprji addizzjonali msemmija fl-Artikolu 104b tad-Direttiva 2013/36/UE u lanqas ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata tal-punt (6) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 128 ta' dik id-Direttiva ma għandhom jiġu kkunsidrati. |

| Ringiela | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| EU-17 | **Ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata speċifiku għall-istituzzjoni**<br>Ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata speċifiku għall-istituzzjoni definit fil-punt (6) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE, espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju, applikabbli għall-entità f'konformità mal-punt (6) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE. |
| EU-18 | **Ir-rekwiżit espress bħala perċentwal tat-TREA**<br>*MREL intern*<br>Ir-rekwiżit għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli applikabbli għall-entità f'konformità mal-Artikolu 45f tad-Direttiva 2014/59/UE, espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju (fil-livell individwali jew konsolidat, kif applikabbli)<br>*TLAC interna*<br>Ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju (fil-livell individwali jew konsolidat, kif applikabbli). |
| EU-19 | **Ir-rekwiżit espress bħala persentaġġ tat-TREA - li minnu parti mir-rekwiżit li tista' tiġi ssodisfata b'garanzija**<br>Fejn applikabbli, parti mir-rekwiżit għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli espress bħala persentaġġ tal-ammont tal-iskopertura tar-riskju totali li tista' tiġi ssodisfata b'garanzija pprovduta mill-entità ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 45f(5) tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| EU-20 | **Ir-rekwiżit espress bħala perċentwal tat-TEM**<br>*MREL intern*<br>Ir-rekwiżit għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli applikabbli għall-entità f'konformità mal-Artikolu 45f tad-Direttiva 2014/59/UE, espress bħala persentaġġ tal-kejl tal-iskopertura totali (fil-livell individwali jew konsolidat tal-impriża omm tal-UE, kif applikabbli)<br>*TLAC interna*<br>Ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, espress bħala persentaġġ tal-kejl tal-iskopertura totali għar-riskju (fil-livell individwali jew konsolidat, kif applikabbli). |
| EU-21 | **Ir-rekwiżit espress bħala persentaġġ tat-TEM - li minnu parti mir-rekwiżit li tista' tiġi ssodisfata b'garanzija**<br>Fejn applikabbli, parti mir-rekwiżit għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli espress bħala persentaġġ tal-kejl tal-iskopertura totali li tista' tiġi ssodisfata b'garanzija pprovduta mill-entità ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 45f(5) tad-Direttiva 2014/59/UE. |
| EU-22 | **L-ammont totali tal-obbligazzjonijiet esklużi msemmija fl-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013** |

5. EU TLAC2: Klassifikazzjoni tal-kredituri - entitajiet li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni huma stess

8. L-informazzjoni inkluża fil-mudell EU TLAC2 tiġi divulgata fil-livell tal-entità individwali.

9. Il-mudell EU TLAC2 jeżisti f'żewġ verżjonijiet, EU TLAC2a u EU TLAC2b. It-TLAC2a tkopri l-finanzjament kollu li huwa *pari passu* jew subordinat għal strumenti eliġibbli għall-MREL, inklużi l-fondi proprji u strumenti kapitali oħrajn. L-EU TLAC2b tkopri biss il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżit tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE f'konformità mal-Artikolu 45f ta' dik id-Direttiva.

10. F'konformità mal-Artikolu 13(2) ta' dan ir-Regolament, l-entitajiet li mhumiex soġġetti għall-obbligu ta' konformità mar-rekwiżit tal-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, iżda li huma soġġetti għall-obbligu ta' konformità mar-rekwiżit tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE f'konformità mal-Artikolu 45f ta' dik id-Direttiva jistgħu jagħżlu jekk jużawx l-EU TLAC2a jew l-EU TLAC2b biex jikkonformaw mar-rekwiżit ta' divulgazzjoni stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE.

11. Mid-data tal-applikazzjoni tal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE, l-entitajiet emittenti għandhom jiddivulgaw taħt il-mudell TLAC2a l-obbligazzjonijiet potenzjalment eliġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-MREL intern u tat-TLAC interna. Qabel dik id-data, l-entitajiet emittenti għandhom jiddivulgaw l-obbligazzjonijiet potenzjalment eliġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżit tat-TLAC interna.

12. L-ammonti pendenti msemmija fir-ringieli għandhom jiġu diżaggregati fi gradi ta' insolvenza abbażi tal-liġi dwar l-insolvenza tal-entità emittenti, irrispettivament mil-liġi regolatorja tal-istrument.

13. Il-gradi ta' insolvenza għandhom ikunu dawk ikkomunikati mill-awtorità ta' riżoluzzjoni kompetenti f'konformità mal-preżentazzjoni standardizzata speċifikata fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.

14. Il-gradi jiġu ppreżentati mill-aktar subordinati għall-aktar superjuri. Il-kolonni għall-gradi għandhom jiżdiedu sakemm ikunu ġew divulgati l-istrumenti potenzjalment eliġibbli tal-aktar klassifikazzjoni superjuri.

15. L-ammont attribwibbli għal kull grad jiġi diżaggregat aktar fl-ammonti tal-entità ta' riżoluzzjoni, inklużi l-ammonti direttament jew indirettament tal-entità ta' riżoluzzjoni permezz ta' entitajiet tul il-katina tas-sjieda, fejn applikabbli; u ammonti oħrajn li ma jkunux tal-entità ta' riżoluzzjoni, fejn applikabbli. L-ammont totali ta' kull ringiela jimtela fl-aħħar kolonna ta' kull ringiela.

| Ringieli | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 1 | **Sett vojt fl-UE** |
| 2 | **Deskrizzjoni tal-grad ta' insolvenza (test liberu)**<br>In-numru ta' gradi ta' insolvenza (n) fil-ġerarkija tal-kredituri se jiddependi fuq is-sett ta' obbligazzjonijiet tal-entità emittenti. Id-deskrizzjoni tenħtieġ li tinkludi speċifikazzjoni tat-tipi ta' pretensjonijiet li huma fi ħdan dak il-grad ta' insolvenza (eż. CET1, strumenti tal-Grad 2).<br>Hemm kolonna waħda għal kull grad ta' insolvenza, fejn l-ammont jinżamm kollu kemm hu mill-entità ta' riżoluzzjoni, inklużi l-ammonti direttament jew indirettament tal-entità ta' riżoluzzjoni permezz ta' entitajiet tul il-katina tas-sjieda, fejn applikabbli, u t-tieni kolonna fejn parti mill-ammont għal kull grad tinżamm ukoll minn sidien li mhumiex l-entità ta' riżoluzzjoni. |
| 3 | **Obbligazzjonijiet u fondi proprji**<br>L-ammont ta' fondi proprji, obbligazzjonijiet eliġibbli u obbligazzjonijiet li jikklassifikaw aktar baxxi minn jew *pari passu* ma' fondi proprji jew obbligazzjonijiet eliġibbli.<br>Dan għandu jinkludi wkoll obbligazzjonijiet esklużi minn rikapitalizzazzjoni interna.<br>Din ir-ringiela mhijiex applikabbli fil-mudell EU TLAC2b. |
| 4 | **Obbligazzjonijiet u fondi proprji - Li minnhom obbligazzjonijiet esklużi**<br>Diżaggregazzjoni tal-obbligazzjonijiet esklużi skont l-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew l-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2014/59/UE u, fejn applikabbli, l-Artikolu 44(3) tad-Direttiva 2014/59/UE.<br>Din ir-ringiela mhijiex applikabbli fil-mudell EU TLAC2b. |
| 5 | **Obbligazzjonijiet u fondi proprji wara li jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet esklużi**<br>Obbligazzjonijiet u fondi proprji netti mill-obbligazzjonijiet esklużi.<br>Din ir-ringiela mhijiex applikabbli fil-mudell EU TLAC2b. |

| Ringieli | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 6 | **Subsett ta' obbligazzjonijiet u fondi proprji wara li jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet esklużi li huma fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għall-finijiet ta' MREL intern/TLAC interna** Diżaggregazzjoni tal-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għall-fini ta' MREL intern jew għall-finijiet ta' TLAC interna, kif applikabbli f'konformità mal-paragrafu 11 hawn fuq. |
| 7 | **Li minnhom maturità residwa ≥ sena < sentejn** Is-subsett tar-ringiela 6 bil-maturità residwa rilevanti. |
| 8 | **Li minnhom maturità residwa ≥ sentejn < 5 snin** Is-subsett tar-ringiela 6 bil-maturità residwa rilevanti. |
| 9 | **Li minnhom maturità residwa ≥ 5 snin < 10 snin** Is-subsett tar-ringiela 6 bil-maturità residwa rilevanti. |
| 10 | **Li minnhom maturità residwa ≥ 10 snin, iżda esklużi t-titoli perpetwi** Is-subsett tar-ringiela 6 bil-maturità residwa rilevanti. |
| 11 | **Li minnhom titoli perpetwi** Is-subsett tar-ringiela 6 li huma titoli perpetwi. |

6. EU TLAC3: Klassifikazzjoni tal-kredituri – entità ta' riżoluzzjoni

16. L-informazzjoni inkluża fil-mudell EU TLAC3 tiġi divulgata fil-livell tal-entità individwali.

17. Il-mudell EU TLAC3 jeżisti f'żewġ verżjonijiet, EU TLAC3a u EU TLAC3b. L-EU TLAC3a tkopri l-finanzjament kollu li huwa *pari passu* jew subordinat għal strumenti potenzjalment eliġibbli għall-MREL, inklużi l-fondi proprji u strumenti kapitali oħrajn. L-ammonti li huma ineliġibbli biss bħala riżultat tar-rekwiżiti ta' subordinazzjoni għandhom jiġu inklużi b'mod sħiħ fir-ringiela li tikkorrespondi għall-grad ta' insolvenza rilevanti, jiġifieri mingħajr ma jiġu applikati l-limiti massimi. L-EU TLAC3b tkopri biss il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżit tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE f'konformità mal-Artikolu 45e ta' dik id-Direttiva.

18. F'konformità mal-Artikolu 14(2) ta' dan ir-Regolament, l-entitajiet li mhumiex soġġetti għall-obbligu ta' konformità mar-rekwiżit tal-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, iżda li huma soġġetti għall-obbligu ta' konformità mar-rekwiżit tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE f'konformità mal-Artikolu 45e ta' dik id-Direttiva jistgħu jagħżlu jekk jużawx l-EU TLAC3a jew l-EU TLAC3b biex jikkonformaw mar-rekwiżit ta' divulgazzjoni stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE.

19. Mid-data tal-applikazzjoni tal-Artikolu 45i(3) tad-Direttiva 2014/59/UE, l-entitajiet emittenti għandhom jiddivulgaw taħt il-mudell EU TLAC3a l-obbligazzjonijiet potenzjalment eliġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-MREL u tat-TLAC. Qabel dik id-data, l-entitajiet emittenti għandhom jiddivulgaw l-obbligazzjonijiet potenzjalment eliġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżit tat-TLAC interna.

20. L-ammonti pendenti msemmija fir-ringieli 2 sa 10 għandhom jiġu diżaggregati fi gradi ta' insolvenza abbażi tal-liġi dwar l-insolvenza tal-entità emittenti, irrispettivament mil-liġi regolatorja tal-istrument.

21. Il-gradi ta' insolvenza għandhom ikunu dawk ikkomunikati mill-awtorità ta' riżoluzzjoni kompetenti f'konformità mal-preżentazzjoni standardizzata speċifikata fil-mudell tar-rapportar rilevanti.

22. Il-gradi jiġu ppreżentati mill-aktar subordinati għall-aktar superjuri. Il-kolonni għall-gradi għandhom jiżdiedu sakemm ikunu ġew divulgati l-istrumenti potenzjalment eliġibbli tal-aktar klassifikazzjoni superjuri.

| Ringieli | Referenzi u struzzjonijiet legali |
|---|---|
| 1 | **Deskrizzjoni tal-grad ta' insolvenza (test liberu)**<br>In-numru ta' gradi ta' insolvenza (n) fil-ġerarkija tal-kredituri se jiddependi fuq is-sett ta' obbligazzjonijiet tal-entità. Hemm kolonna waħda għal kull grad ta' insolvenza. Id-deskrizzjoni jenħtieġ li tinkludi speċifikazzjoni tat-tipi ta' pretensjonijiet li huma fi ħdan dak il-grad ta' insolvenza (eż. CET1, strumenti tal-Grad 2). |
| 2 | **Obbligazzjonijiet u fondi proprji**<br>L-ammont ta' fondi proprji, obbligazzjonijiet eliġibbli u obbligazzjonijiet li jikklassifikaw aktar baxxi minn jew *pari passu* ma' fondi proprji jew obbligazzjonijiet eliġibbli.<br>Dan għandu jinkludi wkoll obbligazzjonijiet esklużi minn rikapitalizzazzjoni interna.<br>Din ir-ringiela mhijiex applikabbli fil-mudell EU TLAC3b. |
| 3 | **Obbligazzjonijiet u fondi proprji - Li minnhom obbligazzjonijiet esklużi**<br>Diżaggregazzjoni tal-obbligazzjonijiet esklużi skont l-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew l-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2014/59/UE u, fejn applikabbli, l-Artikolu 44(3) ta' dik id-Direttiva.<br>Din ir-ringiela mhijiex applikabbli fil-mudell EU TLAC3b. |
| 4 | **Obbligazzjonijiet u fondi proprji wara li jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet esklużi**<br>Obbligazzjonijiet u fondi proprji netti mill-obbligazzjonijiet esklużi.<br>Din ir-ringiela mhijiex applikabbli fil-mudell EU TLAC3b. |
| 5 | **Subsett ta' obbligazzjonijiet u fondi proprji wara li jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet esklużi li huma fondi proprji u obbligazzjonijiet potenzjalment eliġibbli biex jissodisfaw l-MREL/it-TLAC**<br>Diżaggregazzjoni tal-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għall-fini ta' MREL jew għall-fini ta' TLAC, kif applikabbli f'konformità mal-paragrafu 19 hawn fuq, mingħajr applikazzjoni tal-limiti massimi fuq ir-rikonoxximent ta' obbligazzjonijiet mhux subordinati. |
| 6 | **Li minnhom maturità residwa ≥ sena < sentejn**<br>Is-subsett tar-ringiela 5 bil-maturità residwa rilevanti. |
| 7 | **Li minnhom maturità residwa ≥ sentejn < 5 snin**<br>Is-subsett tar-ringiela 5 bil-maturità residwa rilevanti. |
| 8 | **Li minnhom maturità residwa ≥ 5 snin < 10 snin**<br>Is-subsett tar-ringiela 5 bil-maturità residwa rilevanti. |
| 9 | **Li minnhom maturità residwa ≥ 10 snin, iżda esklużi t-titoli perpetwi**<br>Is-subsett tar-ringiela 5 bil-maturità residwa rilevanti. |
| 10 | **Li minnhom titoli perpetwi**<br>Is-subsett tar-ringiela 5 li huma titoli perpetwi. |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT